# Il-Ħajja f'Għawdex

Is-Sittin Sena - Nru. 872

LEHEN L-GĦAWDXIN

Ottubru 2005



mal-Pa

GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
Il-Ħajja
(Classification)
GAD 133012 7/08
(Acquisition No.) Date
This book has been donated by:
J. Mejlaq

"Uliedna jeħtieġu tagħlim nisrani ċar u sod. Qed nitilfuhom dritt wara l-Griżma..."
- *Korrispondent f'gurnal lokali*

# DISA' KOTBA ĠODDA TA' KATEKESI BAŻIKA GĦAT-TFAL













- Għajnuna siewja għall-edukazzjoni u l-formazzjoni nisranija taċ-ċkejknin u ta' l-adolexxenti, mibnija fuq il-Katekiżmu l-Ġdid tal-Knisja Kattolika, b'adattament sod, sempliċi u modern.
- Sussidju kateketiku għat-tfal minn *Year One* sa *Year Six*, kif ukoll gwida għall-katekisti u l-ġenituri, bi tħejjija fundamentali għas-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof.
- Ippubblikati mil-"Lumen Christi Media Centre" ta' Għawdex, f'daqs komdu u "*in full colour*", għall-prezz ta' Lm 1.05 il-wieħed biss. Jinkisbu mill-ħwienet tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.















IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 872*
*Ottubru 2005*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt
*homepage:*
www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
"Status Quo" • 9
Għajnsielem f'Għawdex? • 10
Fehmet il-Qarrejja • 11
B'impenn u Bi Pjaċir • 12
Esperjenza - Pellegrinaġġ Ruma • 14
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 16
Versi Riflessivi • 18
Apprezzament • 19
ACM • 20
Ktieb x'Taqra: "Don Bosco" • 22
Għawdex 300 sena ilu • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tal-Katekiżmu (39):
L-Ewkaristija (4) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (39) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi (8) • 30
Xhieda Nisranija: Mons. Alwiġ Vella (5) • 32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Għawdxin li għadna niftakru (28) :
Ninu Cremona • 34
Passiġġata Biblika- (10) • 36
Int u saħħtek • 38
Ħolm il-Ħajja • 40
Aħseb daqsxejn . . . • 41
Ġenn id-Dinja • 42




## GĦAWDEX REĠJUN JEW MAQSUM?

*F'dawn l-aħħar xhur Għawdex u r-reġjonalità tiegħu kienu f'nofs kontroversja fil-kuntest tar-riforma li l-Kummissjoni Elettorali ta' pajjiżna għadha kemm għamlet fid-distretti elettorali. Wara li għal ħafna snin Għawdex kien ikkunsidrat bħala distrett għalih separat - id-distrett numru tlettax - intqal li minn issa l-quddiem, parti mill-gżira tagħna, Għajnsielem u Kemmuna, saret tagħmel parti mit-tnax il-distrett li hu sitwat fil-punent ta' Malta.*

*Ir-raġuni ewlenija li qiegħda ġġib il-Kummissjoni Elettorali għal din id-deċiżjoni hija li l-popolazzjoni ta' Għawdex qabżet il-limiti tal-kwota medja, li hija stipulata għal kull distrett elettorali.*

*Eżattament fl-1 ta' Mejju 2004, meta fil-preżenza ta' l-għola rappreżentanti ta' pajjiżna, Malta ġiet effettivament rikonoxxuta bħala pajjiż ta' l-Unjoni Ewropeja, Għawdex uffiċjalment beda jiġi meqjus bħala 'gżira reġjun', bi speċifiċitajiet ekonomiċi u soċjali propji li kellhom jiġu trattati separatament minn dawk ta' Malta. Din għal Għawdex kienet qabża 'l quddiem, u rebħa fil-glieda kontinwa għal dak li jista' jkun tagħna bi dritt. Deċiżjoni li hu ttamat li tħalli l-frott mistenni fis-snin li ġejjin.*

*Iżda meta wieħed janalizza d-deċiżjoni kontroversjali tal-Kummissjoni Elettorali Maltija, fil-kuntest ta' dak li Għawdex għadu kemm kiseb ftit iżjed minn sena ilu, jintebaħ li din ir-riforma hija daqqa ta' ħarta f'wiċċna l-Għawdxin.*

*Aktarx li din kienet l-eħfef soluzzjoni li l-Kummissjoni Elettorali setgħet tieħu. Nistaqsu jekk din il-Kummissjoni għamlitx studju serju dwar x'kienu l-kawżi taż-żieda fil-popolazzjoni ta' Għawdex li wasslet biex il-gżira tagħna taqbeż il-kwota medja – tgħid żdied in-numru ta' twelidijiet ġodda? Iżda rigward dan wieħed jista faċilment jikkonsulta l-uffiċċju tar-reġistrazzjoni tat-twelidijiet jew l-uffiċċju ta' l-istatistika u jintebaħ li dan mhux jimmarka żieda fuq is snin preċedenti, imma tnaqqis! Jew allura din iż-żieda kienet ikkaġunata minn numru mhux żgħir ta' residenti Maltin li għażlu li jaqilbu l-Karta ta' l-Identita tagħhom fuq Għawdex, minħabba interessi ekonomiċi f'dak li għandu x'jaqsam mat-tariffi tat-traġitt bejn iż-żewġ gżejjer u interessi oħra? Ma tistax tinstab soluzzjoni iktar sensittiva u bis-sens li titratta l-post ta' fejn jivvutaw dawn il-Maltin b'Karta ta' l-Identita 'għawdxija', milli dik li drastikament taqta' barra wieħed mill-irħula l-kbar Għawdxin u Kemmuna mill-kumplament ta' Għawdex?*

*Ir-reazzjonijiet ta' l-Għawdxin jidher li s'issa kienu kawti, iżda b'mod speċjali nappellaw lid-deputati parlamentari kollha Għawdxin biex ikomplu jitrattaw din il-materja bis-serjetà kollha li titlob tali kwistjoni li jekk titħalla għaddejja lixxa, jista jkollha konsegwenzi iżjed devastanti fil-futur. Jidher li rigward dan fost ir-rappreżentanti tagħna fil-parlament hemm ċertu qbil li jeħtieġ jiġi kkultivat u msarraf f'azzjonijiet konkreti biex jekk ikun il-bżonn tkompli ssir pressjoni biex tiġi emendata l-Kostituzzjoni ta' Malta, biex Għawdex jibqa' jiġi kkunsidrat fl-integrità tiegħu ta' reġjun u bħala distrett wieħed għalih.*

**Dun Ruben Micallef**




### *Laqgħa Ministri Straordinarji tat-Tqarbin*

Nhar il-11 ta' Lulju, filgħaxija, inżammet laqgħa għall-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, organizzata mill-Kummissjoni Liturġika Djoċesana, fis-Seminarju tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù. Matul din il-laqgħa barra minn Mons. Girgor Grech, id-delegat tal-Liturġija fi ħdan id-Djoċesi, tkellem ukoll Mons. Isqof. Il-Ministri Straordinarji, 91 b'kollox, ingħataw paġella ta' l-okkażjoni u librett maħruġ mill-Kummissjoni Liturġika ta' Għawdex, dwar l-istess ministeru li huma jeżerċitaw.

### *Pellegrinaġġ Djoċesan fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika*

Mis-16 sat-22 ta' Settembru, Mons. Isqof mexxa Pellegrinaġġ Djoċesan għal xi Santwarji Ewkaristiċi fl-Italja, fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika. Barra mill-udjenża mal-Papa, il-pellegrini żaru l-postijiet Ewkaristiċi ta' Lanciano u Orvieto, l-Abbaziji Benedittini ta' Monte Cassino u Subiaco, u anke l-Bażilka ta' San Franġisk f'Assisi. Kellhom ukoll okkażjoni jżuru l-knisja u l-kunvent ta' San Giovanni Rotondo fejn għex u miet San Piju tal-Pjagi.

### *L-Isqof f'Udjenza mal-Papa*

Tul dan il-Pellegrinaġġ Ewkaristiku, Mons. Isqof kellu l-ewwel udjenza tiegħu mal-Papa Benedittu XVI, fl-udjenzi li l-Qdusija Tiegħu jżomm ta' kull nhar t'Erbgħa fil-Pjazza ta' San Pietru. Tul dawn il-ftit minuti ta' djalogu, Mons. Isqof kellem lill-Qdusija Tiegħu fuq id-Djoċesi ta' Għawdex, u anke stiednu jżur lid-Djoċesi tagħna tul dan il-Pontifikat tiegħu.

### *Quddiesa għaż-Żgħażagħ*

Nhar il-Ħadd 25 ta' Settembru, fil-Kappella ta' l-Oratorju Don Bosco, Mons. Isqof qaddes quddiesa għaż-żgħażagħ u l-benefatturi ta' l-Oratorju, fil-bidu tas-sena pastorali. Wara l-quddiesa l-Isqof iltaqa' mal-membri tal-kumitat fejn iddiskutew xi proposti biex tiġi mmeljorata dejjem iżjed il-ħidma li ssir fi ħdan l-istess Oratorju.

### *Seminar għall-Kappillani*

Bħas-snin l-imgħoddija, bejn is-26 u s-27 ta' Settembru, inżamm is-Seminar tal-Kulleġġ tal-Kappillani, bit-tema: "Evalwazzjoni tas-Sena Ewkaristika u rivalutazzjoni tal-festi parrokkjali". Dan inżamm fil-kunvent ta' Sant' Wistin, u matulu saret evalwazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqa matul is-sena ddedikata lill-Ewkaristija, kif ukoll diskussjoni dwar il-festi tal-parroċċi, u x'jista' jsir biex jinżamm l-ispirtu nisrani. Il-kelliem ewlieni ta' dan is-seminar kien Rev. Dun Franz Refalo, fejn tkellem dwar "L-impenn fil-parroċċa għall-bini ta' komunità ewkaristika". Is-seminar intemm b'konċelebrazzjoni ppreseduta minn Mons. Isqof.

### *Il-Ftuħ tas-Sena Skolastika fis-Seminarju Minuri*

Nhar is-26 ta' Settembru, bħala l-bidu għas-Sena Skolastika 2005-2006, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni għall-istudenti kollha tas-seminarju minuri, fis-sala ta' l-Azzjoni Kattolika, ir-Rabat. Waqt l-omelija, Mons. Isqof ħeġġeġ l-istudenti u l-għalliema biex jieħdu dejjem aktar bis-serjetà l-edukazzjoni akkademika tagħhom. L-isqof stqarr illi s-soċjetà għaddejja minn ħafna tibdil; tibdil li hu tajjeb u tibdi li hu ħażin u ta' ħsara. Huwa nsista li kull wieħed għandu jħobb u jfittex il-verità u jżomm 'il bogħod mir-relattiviżmu morali għax dan iwassal għall-konklużjonijiet żbaljati. Huwa qal li mhux kull ma nisimgħu għandna ngħodduh bħala verità u lanqas għandna nħalltu l-verità mal-*fiction* u nieħdu bħala messaġġ veru dak li naqraw f'xi novelli li huma biss il-frott tal-immaġinazzjoni u l-fantasija.

### *Ġimgħa Kateketika Djoċesana*

Bejn il-25 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru, inżammet il-Ġimgħa Kateketika Djoċesana Għawdex, bit-tema "Kif ħa ngħixu l-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika". Din inżammet kemm fuq bażi djoċesana u anke fuq bażi parrokkjali. Din il-ġimgħa fetħet b'quddiesa f'kull parroċċa, bl-omelija tkun dwar "Il-ħtieġa tal-Katekiżmu fid-Dinja ta' llum". Fi tmiem il-quddiesa l-katekisti irċivew il-Mandat għat-tagħlim tal-katekiżmu mill-Kappillani rispettivi tagħhom. Fit-tlett ijiem ta' wara ġew organizzati tliet laqgħat fuq bażi djoċesani bit-temi jkunu "Il-Metodoloġija tal-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u l-valur tiegħu", "L-Aspett Liturġiku tal-Kompendju", u "L-Aspett bibbliku tal-Kompendju". Il-kelliema ewlenin kienu Fr. Fabio Attard s.d.b., Dun Nazju Borg,

u Ms. Josephine Farrugia. Dawn is-sensiela ta' laqgħat ġew fi tmiemhom permezz ta' diskors qasir minn Mons. Isqof. Fost l-attivitajiet li ġew organizzati fuq bażi parrokkjali nistgħu nsemmu siegħa adorazzjoni fil-parroċċi animata mill-katekisti, fejn matulha sar talb għall-katekisti kollha kif ukoll għal dawk li jatendu għall-klassijiet tad-duttrina, laqgħa għall-Kumitat Parrokkjali Kateketiku fejn ġie diskuss il-pjan għas-sena tad-Duttrina 2005-2006, u quddiesa animata mit-tfal mgħejjuna mill-katekisti għat-tfal kollha li jattendu ċ-Ċentri tad-Duttrina tal-Parroċċa.

### *Ftuħ tas-Sena Akkademika fis-Seminarju Maġġuri*

Nhar it-30 ta' Settembru, festa ta' San Ġilormu, fil-kappella tas-seminarju ġiet ikkonċelebrata l-quddiesa ta' l-Ispirtu s-Santu minn Mons Isqof, flimkien mas-superjuri, s-saċerdoti kollha li jgħallmu, jew li huma attivi fis-seminarju, biex timmarka l-bidu tas-sena akkademika fis-seminarju maġġuri. Tul ir-riflessjoni tiegħu, Mons. Isqof tkellem dwar l-importanza tal-Kelma t'Alla, tal-Liturġija, tal-kitbiet tas-Santi Padri, u d-Dokumenti tal-Konċilju Vatikan II fil-ħajja spiritwali u akkademika tas-seminarist, fil-formazzjoni saċerdotali tiegħu.

### *Laqgħa għall-Irġiel fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu*

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Mikiel u l-Arkanġli l-oħra li tiġi ċċelebrata fid-29 ta' Settembru, din is-sena ukoll bħas-snin l-imgħoddija inżammet il-laqgħa ta' l-irġiel tad-djoċesi ma' Mons. Isqof. Din kienet tinkonsisti f'laqgħa ta' talb li ntemmet b'quddiesa mmexxija mill-istess Mons. Isqof. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof tkellem dwar tliet għamliet ta'ħażen illi jimmaniċċjaw l-umanità ta' żminijietna. Hu saħaq li hemm bżonn li bħala nsara nikkumbattu dan il-ħażen bl-għajnuna tat-tliet Arkanġli; bl-għajnuna ta' San Mikiel neħduha kontra l-ħażen, bl-għajnuna ta' San Gabriel nitgħallmu l-verità u nirbħu l-injoranza, u bl-għajnuna ta' San Rafel neħilsu mill-mard tal-ġisem u l-mard tar-ruħ.





### *Ftuħ tas-Sena Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex*

Nhar is-Sibt 1 ta' Ottubru, fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika sar il-ftuħ uffiċjali tas-sena soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika permezz ta' quddiesa kkonċelebrata minn Mons. Isqof. Qabel il-quddiesa saru diskorsi ta' l-okkażjoni mill-President ta' l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex, is-Sur Manwel Saliba, u mill-President Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Malta, is-Sinjura Ninette Borg. Waqt l-omelija tiegħu, Mons. Isqof saħaq fuq l-ispiritwalità li għandu jkollu kull membru fi ħdan l-Azzjoni Kattolika u li din għandha jkollha tliet dimensjonijiet. L-ewwelnett għandha tkun spiritwalità appostolika, spiritwalità liturġika, u fl-aħħarnett spiritwalità Ewkaristika.





### *Nifirħu lil...*

Nifirħu lil Dun Edward Xuereb, kontributur regolari tar-rivista tagħna illi rċieva d-Dottorat fis-Sagra Teoloġija mill-Fakultà tat-teoloġija ta' l-Università ta' Malta wara li ddefenda b'suċċess nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2005, teżi dwar l-esklużjoni tas-sagramentalità u l-validità taż-żwieġ. Dun Edward huwa l-Kappillan tal-Parroċċa tal-Għasri u jservi bħala Imħallef fit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex.

**QOROB NOVEMBRU**
**IX-XAHAR TA' L-ERWIEĦ**

***Aħseb biex tagħmel suffraġji lill-għeżież mejtin tiegħek f'Ġimgħa Quddies li ser jiġu ċċelebrati fil-Knisja ta' Savina mill-14 sal-20 ta' Novembru fil-5.30 am. Imla' l-formula nkluża u ibgħatilna malajr bl-intenzjonijiet tiegħek, mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru.***

# X'ġara dan l-aħħar



*Kronaka Għawdxija minn Lelio Spiteri*

## *Gallerija 'art..e'... kurrenti artistiċi ta' l-aħjar artisti f'pajjiżna*



Għaxar artisti kontemporanji esibixxew xogħlijiet tagħhom fil-gallerija 'art..e' li għadha kif fetħet ġol-belt Vittorja. Il-gallerija *'art..e'* tinsab fil-lokal nru. 1, Triq il-Librerija, ir-Rabat, triq li tiġi biswit pjazza Santu Wistin, int u sejjer lejn San Ġorġ tal-Ħaġar. Id-diretturi tal-gallerja *'art..e'*, is-Sinjuri Cassar għandhom il-ħsieb li juru x-xogħlijiet ta' l-aħjar talent li hawn f'Malta u għalhekk iridu jesibixxu l-prodott artistiku ta' artisti, kemm preżenti kif ukoll tal-passat, li għamlu isem kemm għalihom kif ukoll għal pajjiżhom. Min-naħa l-oħra fil-gallerija *'art..e'* ser isiru esibizzjonijiet ta' artisti ġodda li juru talent u kapaċità artistika kif ukoll immaġinazzjoni. L-esibizzjoni li biha nfetħet il-gallerija jisimha "*Artists 10 works*" u tiġbor flimkien għaxar artisti li huma John Martin Borg, Austin Camilleri, Pawlu Carbonaro, Gabriel Caruana, Debbie Caruana Dingli, Alfred Chircop, Andrew Diacono, George Fenech, John Grima u Raymond Pitrè. Għalkemm kull wieħed minn dawn l-artisti għandu stil għalih, min-naħa l-oħra mix-xogħlijiet esibiti wieħed jista' jara l-kurrenti artistiċi li bħalissa hawn f'Malta.



## *Wirja tal-Ħut Tropikali minn dilettanti Għawdxin*

Għat-tieni sena konsekuttiva, l-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut tellgħet wirja ta' ħut tropikali fil-gżira għawdxija. Il-wirja nfetħet il-Ġimgħa 9 ta Settembru fis-7.00pm mill-Onor. Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Hija faħħret l-impenn tal-membri ta' din l-għaqda li b'tant dedikazzjoni jippromwovu dan id-delizzju. Il-wirja nżammet fl-iskola sekondarja Ninu Cremona u kienet miftuħa għall-pubbliku s-Sibt 10 ta' Settembru mill-10.00am sad-9.00pm u l-Ħadd mid-9.00am sas-6.00pm. L-għan ta' din il-wirja hu li jiżdied l-interess f'dan id-delizzju u anke t-tagħlim ta' kif għandna nieħdu ħsieb il-ħut. Ma' kull tip ta' ħuta esebita, kien hemm informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li għandha bżonn biex tgħix.

## *Jum il-Vitorja - tifkira nazzjonali fir-Rabat*



L-attività kommemorattiva ta' Jum il-Vitorja f'Għawdex saret nhar l-Erbgħa, 7 ta' Settembru, filgħaxija fi Pjazza Indipendenza, Victoria taħt il-presidenza tal-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Iċ-ċerimonja bdiet bis-sehem tal-Banda tal-Pulizija illi mmarċjat minn Pjazza Savina sa Pjazza Indipendenza, Victoria u kompliet bil-parteċipazzjoni tal-Forzi Armati ta' Malta. Wara l-wasla tal-Ministru Debono fi Pjazza Indipendenza, l-attività kompliet bil-qari ta' poeżija u diskors kommemorattiv li din is-sena sar minn Carmel Cachia. Iċ-ċerimonja laħqet il-qofol tagħha permezz tat-tqegħid ta' kuruni fuq il-Monument tal-Gwerra

fi Pjazza Indipendenza, li kien twaqqaf f'dan il-post f'Mejju 1954 mill-Altezza Rjali r-Reġina Eliżabetta II, waqt żjara Rjali f'Għawdex. Waqt l-istess ċerimonja, il-Banda tal-Pulizija esegwiet programm mużikali li wasal fi tmiemu bid-daqq ta' l-Innu Malti.

## *Tifkira ta' l-Indipendenza f'Għawdex*



Nhar l-Erbgħa 21 ta' Settembru, Għawdex, fakkar ukoll il-41 Anniversarju ta' l-Indipendenza. Fil-5.30pm il-Banda u l-Istakkament tal-Forzi Armati ta' Malta taħt it-tmexxija ta' Major Mario V. Spiteri, waslu fi Pjazza Indipendenza fejn saru l-qofol ta' l-attivitajiet kommemorattivi. Il-Banda laqgħet lill-Agent Kmandant tal-Forzi Armati, Col. Anthony Grech, lill-mistednin u lill-Prim Ministru, meta dan ingħata s-salut nazzjonali u saret l-ispezzjoni ta' l-unur. Il-Banda tal-Forzi Armati għamlet programm mużikali qasir, wara liema, iċ-Chairman tal Kumitat Organizzativ Kultura, is-Sur Vincent Grech, stieden lill-Onor. Prim Ministru, Dr Lawrence Gonzi, biex iqiegħed bukkett fjuri quddiem il-lapida kommemorattiva. Fi tmiem l-attività, il-Banda tal-Forzi Armati daqqet l-Innu Nazzjonali. Preżenti għall-attivita' kien hemm l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anton Tabone u l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, fost mistednin oħra.



## *Laqgħa ma' Dr. Sant*

Delegazzjoni tal-Partit Laburista mmexxija minn Dr Alfred Sant kellha laqgħa ma' delegazzjoni mill-Katidral t'Għawdex immexxija mill-Arċipriet Mons Dr Joe Vella Gauci. Id-delegazzjoni Għawdxija kienet tinkludi wkoll rappreżentanti tal-Kapitlu u tal-Kleru tal-Katidral, tal-Kunsill Amministrattiv u rappreżentanti tas-Soċjetà Filarmonika Leone. Matul il-laqgħa ż-żewġ naħat iddiskutew pjanijiet li jinbena parkeġġ fil-viċinanza tal-Knisja Katidrali t'Għawdex, eżattament kif propost mill-amministrazzjoni tal-Katidral, liema parkeġġ għalkemm għandu l-approvazzjoni tal-gvern, għadhom ma ħarġu ebda permessi għalih. Dr Sant wiegħed l-appoġġ sħiħ tal-Partit Laburista u qal li l-Partit Laburista se jieħu inizjattivi fiż-żmien li ġej biex juri dan l-appoġġ b'mod konkret. Iż-żewġ naħat qablu wkoll li fil-prinċipju tkun ħaġa tajba li l-qorti t'Għawdex jinstabilha post aħjar u l-bini eżistenti jintuża mill-Katidral ħalli jikkonsolida s-servizzi li qed jagħti lill-komunità Għawdxija. Lejn tmiem il-laqgħa, l-Arċipriet Mons Dr Joe Vella Gauci, għan-nom tad-delegazzjoni, ippreżenta Memorandum lil Dr Alfred Sant għall-attenzjoni tiegħu u tal-Grupp Parlamentari Laburista. Sadattant, id-deputati Laburisti Għawdxin l-Avukat Anton Refalo u l-Avukatessa Justyne Caruana ressqu mozzjoni fil-parlament fejn qed iħeġġu lill-gvern biex mingħajr telf ta' żmien jonora l-wegħdiet tiegħu stess u jieħu l-miżuri kollha biex proġett li l-amministrazzjoni tal-Katidral għandha ppjanat fiċ-Ċittadella, jiġi approvat bla dewmien u jitwettaq fl-aħjar interess t'Għawdex.

## *Ċentru Ċiviku u Każin tal-Banda f'Kerċem*



F'Kerċem qed isiru żewġ proġetti kbar ta' kostruzzjoni li jikkonsistu f'Ċentru Ċiviku għall-Kunsill Lokali u Każin għall-Banda San Girgor. Dan qed isir fi Pjazza Orvieto, quddiem l-iskola primarja. Fir-rigward taċ-Ċentru Ċiviku, s'issa tlestiet l-ewwel fażi li kienet tikkonsisti fit-taħmil tal-art, ħitan kbar tal-appoġġ mal-*ground* tat-*tennis* u mat-triq, pedamenti mad-dawra kollha u kisi tal-art kollha bil-konkos. Issa jmiss li jibda x-xogħol propju tal-bini tal-*basement* li ser jilqa' fih disa' garaxxijiet kbar. Meta titlesta din it-tieni fażi, jkun imiss is-sular ta' l-amministrazzjoni li ser jilqa fih l-uffiċini tal-Kunsill Lokali, l-Għassa tal-Pulizija, l-Berġa u l-Librerija. Mill-banda l-oħra l-Kumitat tal-Banda San Girgor qiegħed jibni l-każin il-ġdid. S'issa tlestiet ukoll l-ewwel fażi tal-bini. Din l-ewwel fażi tikkonsisti f'nofs il-binja tal-*basement* li tikkonsisti f'sala kbira, kmamar kbar li ser iservu bħala bar temporanju, *store*, *toilets* u bitħa mdaqqsa. Fil-preżent diversi voluntiera qed jaħdmu fuq is-sistema tad-dawl tal-parti li tlestiet. Ser jibda t-tikħil minn barra u ġewwa u t-tpoġġija tal-madum. Meta ġie kkuntattjat il-President tal-Banda huwa qal li x-xewqa tal-Kumitat hija li din l-ewwel fażi tkun tista' tibda tintuża fi ftit xhur oħra.



## *Żjara ta' Kortesija tal-Prim Ministru*

Nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru, filgħaxija, saret żjara ta' kortesija mill-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi fil-każin tal-Banda Leone tal-Belt Victoria, akkumpanjat mis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista s-Sur Joe Saliba. Id-delegazzjoni ġiet milqugħa mill-President Dr. Michael Caruana LLD u l-membri tal-Kumitat tas-Soċjetà. Attendew ukoll l-Arċipriet tal-Katidral Mons. Joe Vella Gauci u l-Vigarju

Parrokkjali Fr. Rueben Micallef. Il-Prim Ministru ġie mdawwar mal-każin tas-Soċjetà li jinkludi t-Teatru ta' L-Opra Aurora, fejn ġie diskuss kif dan it-Teatru jista' jintuża aktar ta' spiss matul is-sena, ħalli jservi ta' mezz kif jiżdied it-turiżmu esteru u dak intern lejn Għawdex. Barra minn hekk sar djalogu nformali fejn ġew diskussi l-bżonnijiet tas-Soċjetà u tal-Parroċċa tal-Katidral biex ikomplu jagħtu l-kontribut siewi tagħhom lill-poplu tal-Belt Victoria, u aktar minn hekk lil Għawdex innifsu. Is-suġġetti li gew trattati kienu t-tagħlim tal-mużika fi ħdan is-Soċjetà, l-użu tat-Teatru, l-għajnuna ta' fondi li jistgħu jinkisbu mill-Unjoni Ewropeja u l-iżvilupp tal-parkeġġ fiċ-Ċittadella. Kemm Dr. Gonzi kif ukoll s-Sur Joe Saliba kellhom kliem ta' inkoraġġiment u tifħir għax-xogħol imwettaq kemm fi ħdan is-Soċjetà kif ukoll fil-Parroċċa waqt li offrew il-kooperazzjoni tagħhom biex jiġu żviluppati diversi proġetti mressqa miż-żewġ entitajiet. Fi tmiem din iż-żjara saru diskorsi ta' l-okkażjoni minn Dr. Gonzi u mill-President Dr. Michael Caruana LLD, li wara, għan-nom tas-Soċjetà Filarmonika 'Leone', ippreżenta lill-Prim Ministru tifkira kommemorattiva, ikona tal-fidda bix-xbieħa ta' l-istatwa ta' Santa Marija, meqjua fil-Katidral u CD li tiġbor fiha innijiet Marjani li jindaqqu fil-festa.



## *"Programm Youths": skambju Qala - Sweden*

Il-Kunsill Lokali Qala u l-Għaqda Mużikali 'Ite ad Joseph' ħadu sehem fil-programm YOUTHS fi ħdan l-EUPU *Malta Agency*. Dan l-iskambju kien magħmul minn 40 parteċipant, 20 mill-Qala u 20 mill-iSvezja u dan sar ġewwa l-belt ta' Arvika, Svezja bejn is-16 u t-23 ta' Settembru. It-tema ta' dan l-iskambju kienet *SHARING TOGETHER OUR ART & CULTURE FOR A BETTER FUTURE!* Waqt din il-mawra, apparti li saru bosta diskussjonijiet u *workshops,* saru żjajjar ukoll f'diversi skejjel ta' mużika fejn taw ukoll kunċert mużikali fis-sala tal-iskola tal-Mużika għal Edukazzjoni Għolja ta' Ingesund. Paul Buttigieg Sindku tal-Qala ddeskriva dan l-iskambju bejn żgħażagħ ta' żewġ pajjiżi totalment differenti, Malta u Sweden, bħala suċċess. Iż-żgħażagħ ingħataw l-opportunità li jaqsmu bejniethom, il-kultura, it-tradizzjonijiet u l-valuri għall-futur isbaħ u aħjar. Is-Sindku ħa din l-opportunità sabiex irringrazzja l-EUPU (Malta) talli aċċettaw l-applikazzjoni tagħhom u b'hekk taw opportunità unika liż-żgħażagħ Qalin li jipparteċipaw f'dan l-iskambju ta' suċċess. Il-grupp kien immexxi minn Mro. Michel Refalo, direttur mużikali ta' l-Għaqda Mużikali 'Ite ad Joseph' flimkien mal-Kunsilliera żgħażagħ fi ħdan il-Kunsill Lokali Qala.

## *Restawr ta' statwa ta' Sant'Indrija fis-Xlendi*



Il-Ministeru għal Għawdex, flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Munxar, beda xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Sant'Indrija li tiddomina l-port tax-Xlendi, speċjalment ix-xaqliba l-iktar li tintuża mis-sajjieda. L-istatwa, li hi magħmula mill-ġebla lokali miżbugħa b'żebgħa bajda, kienet ġiet inawgurata f'Ġunju 1882 mill-Isqof t'Għawdex ta' dakinhar, Mons. Giovanni Maria Camilleri. Fl-1901, l-istess Isqof kien ta erbgħin jum indulġenza għal min jitlob quddiem din l-istatwa. Peress li hija esposta għall-elementi u tinsab daqshekk qrib il-baħar, l-istatwa ta' Sant'Indrija ġarrbet ħsarat mhux żgħar matul is-snin u għalhekk teħtieġ xogħol ta' restawr intensiv. Din hija l-ewwel darba li qed isir xogħol ta' restawr b'mod daqshekk intensiv, għalkemm kien jitwettaq xogħol ta' manutenzjoni perjodiku permezz tas-sajjieda u l-kappillan tal-lokal. Ix-xogħol jikkonsisti fi tneħħija ta' siment li tqiegħed fuq il-bażi ta' l-istatwa matul is-snin, it-tneħħija taż-żebgħa kollha biex jerġgħu jinkixfu d-dettalji skulturali oriġinali, xogħlijiet ta' konsolidazzjoni u tibjid finali bħala protezzjoni mill-elementi. Ix-xogħol qiegħed jitwettaq minn ħaddiema tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, taħt is-sorveljanza tal-Perita Ivana Farrugia.

## *Ħidma qawwija biex it-Teatru Astra jerġa' jiftaħ il-bibien tiegħu*



Fit-Teatru Astra f'Għawdex bħalissa għaddej xogħol intensiv ta' restawr, xogħol strutturali u dak dekorattiv sabiex it-teatru jerġa' jkun f'pożizzjoni li jiftaħ il-bibien tiegħu għall-edizzjoni ta' din is-sena ta' Festival Mediterranea, li jibda fil-21 t'Ottubru. It-teatru kien ġie parzjalment distrutt wara nirien, ikkawżati minn *short circuit*, li ħakmu fit-8 ta' Novembru 2003. It-Teatru Astra se jerġa' jibda jiffunzjona wara xhur twal ta' xogħlijiet intensivi minn numru ta' voluntiera u l-kuntratturi privati sabiex jinbidlu l-partijiet li ġew distrutti għal kollox min-nirien ta' ftit inqas minn sentejn ilu. In-nirien qerdu għal kollox madwar terz tas-saqaf ta' l-awditorju flimkien mal-faċilitajiet kollha taċ-ċinema u tal-palk kif ukoll l-apparat u s-sistemi kollha elettriċi u dawk tas-*sound*, kemm quddiem kif ukoll wara l-palk. Matul dawn l-aħħar xhur, numru ta' esperti fosthom *structural engineers*, periti, inġiniera ta' l-akustika, *designers* u oħrajn ġew imqabbda mill-*management* tat-Teatru sabiex imexxu fażijiet differenti tal-proġett.



# "Status Quo"

*Siltiet li jittrattaw lil Għawdex meħuda mid-Dokument Governattiv*

## "A BETTER QUALITY OF LIFE: 2006 - 2010 PRE-BUDGET DOCUMENT"

Għawdex huwa kkaratterizzat minn potenzjal u ħtiġijiet uniċi. Dawn jitolbu inizjattivi speċifiċi peress li miżuri li japplikaw għal Malta japplikaw ukoll għal Għawdex.

M'hemm l-ebda dubju li l-limiti ta' Għawdex għall-infrastruttura kummerċjali prinċipali, li tinkludi per eżempju l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Malta Freeport u l-Port il-Kbir, tagħti lok għal dak li jista' jissejjaħ 'insularità doppja'. Minn din l-insularità doppja joħorġu problemi varji, li jinkludu l-moviment ta' persuni, merkanzija u servizzi. Dawn l-inkonvenjenzi huma l-kawża ta' spejjeż finanzjari addizzjonali, kif ukoll aktar konsum ta' ħin għall-Għawdxin, turisti u negozjanti attivi fil-gżira għawdxija. Il-problema ta' l-insularità doppja taffettwa negattivament is-setturi kollha ta' l-ekonomija, l-aktar it-turiżmu, il-manifattura u l-agrikultura - u per konsegwenza timmina il-kwalità tal-ħajja ta' l-Għawdxin f'dak li għandu x'jaqsam ma servizzi daqstant importanti. Jeħtieġ għalhekk li jiġu kkunsidrati miżuri li jikkumpensaw dawn l-iżvantaġġi, bħal l-għajnuniet lill-istudenti għawdxin fis-servizzi edukattivi kif insibu aktar l-isfel f'dan id-dokument.

Għawdex, għaldaqstant għandu s-saħħa tiegħu. Minbarra l-istorja propja, il-kultura u l-arkeoloġija, Għawdex irnexxielu s'issa jevita l grichi ta' l iżvilupp li seħħew fil-gżira l-kbira. Din is-saħħa tagħti lil Għawdex vantaġġ kompetittiv fuq Malta f'dik li hi sbuħija naturali u ambjent. Hija l intenzjoni tal Gvern li mhux biss iħares dan il-fattur, imma li jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex jibni fuqu, billi per eżempju, jesplora l-introduzzjoni ta' programmi partikulari għal-enerġija minn riżorsi alternattivi u tiġdid ta' riżorsi oħra.

Għawdex għandu wkoll vantaġġ fin-nies tiegħu, li huma intrinsikament kreattivi u ta' inizjattiva. Miżuri li jindirizzaw problemi speċifiċi ta' Għawdex għandhom jinqdew b'dan il-potenzjal ta' Għawdex.

M'hemmx dubju li Għawdex għandu attività ekonomika distinta relatata mal-kultivazzjoni tad-dwieli, tat-tkabbir taż-żebbuġ, mal-manifattura u kultura, kif ukoll ma' attivitajiet reliġjużi. Il-Gvern jemmen li, mgħammar b'investiment propju f'reklamar u għajnuna, Għawdex jista' jiġi ppreżentat bħala destinazzjoni agro-kulturali ta' statura internazzjonali li tista' tikkompeti ma destinazzjonijiet oħra simili fil-Mediterran u fl-Ewropa. Din id-direzzjoni tfisser għaldaqstant, li l-mira ta' l-isforzi u l-enerġiji tagħna għandhom ikunu diretti lejn il-kisba ta' dan il-għan.

Permezz ta' l-Università ta' Malta u l-MCAST, il-Gvern jipproponi li jiżviluppa taħriġ professjonali u vokazzjonali f'dak li jistgħu jissejħu bħala attivitajiet distinti ta' Għawdex. Barra minn hekk, qed jiġi propost li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu toħloq bażi riżorsa li flimkien ma' awtoritajiet Għawdxin kemm fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fis-settur privat, taħdem biex tistabbilixxi l-istatura internazzjonali ta' Għawdex f'dan ir-rigward. L-eżerċizzju li jirreklama 'l Għawdex għandu jkopri d-disponibbiltà ta' opportunitajiet kummerċjali ta' prodotti għawdxin distinti f'lokalitajiet strateġiċi, li jinkludu l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u s-Seaport, fost l-oħrajn. Dan l-eżerċizzju l-istrateġija ġdida minn parti ta' żvilupp li qed jiġi addottat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, fejn wieħed minn dawn il-punti li ġew identifikati huwa preċiżament Għawdex bħala destinazzjoni separata.

Iktar minn hekk, il-Gvern se jkompli jiżviluppa miżuri u inċentivi biex jiżviluppa u jippromovi ċentri tal-manifattura għall-produzzjoni, taħriġ, kummerċ, esperjenzi attwali u t-turiżmu relatat f'lokalitajiet strateġiċi, bħal ma huma ċ-Ċittadella, Ta' Dbieġi u Għajnsielem. Dawn il-miżuri għandhom jiġu mgħejjuna b'inizjattivi diretti lejn il-ħolqien ta' ċentru ta' taħriġ ta' snajja lokali u aċċess għall-kapital li jassisti t-twaqqif ta' industriji orjentati lejn snajja lokali. Inizjattivi ta' għajnuna jinkludu l-ħolqien ta' spazju fiż-żona industrijali ta' Għawdex – li issa trid tiġi addattata għall-industriji ta' skala iżgħar – b'rati speċjali għall-intrapriżi li jfittxu li jinvestu f'dan is-settur, kif ukoll bħala skema ta' għajnuna għal-livell għola ta' prodotti lokali.

L-industrija tal-"*cruiseliners*" qed tevolvi f'wieħed mill-pilastri maġġuri ta' l-industrija turistika lokali. Madanakollu, s'issa Għawdex hu eskluż minn dan l-itinerarju. Il-Gvern jemmen li din il-materja għandha tiġi ndirizzata. Biex tali żvilupp ikun jista jseħħ m'hemmx il-ħtieġa li jiġi mibni "*cruise terminal*", imma minflok, bħal ma jsir fil-gżejjer tal-Karibew, it-traġitt tal-passiġġieri jsir b'dgħajjes żgħar mill-"*cruise liner*" lejn l-art.

Il-Gvern aktar minhekk jemmen li l-infrastruttura turistika f'Għawdex għandha tiġi mgħejjuna bi proviżjoni ta' liċenzja għall-ftuħ ta' "*casino*", kif ukoll "*yacht marina*" oħra. Din l-espansjoni trid tiġi wkoll kumplimentata b'infrastrutturi oħra relatati mat-turiżmu bħal l-iżvilupp ta' korsa tal-golf, faċilitajiet għall-konferenzi, u iktar investiment fil-wirt storiku Għawdxi, bħal ma hi l-ħidma ta' restawr tat-tempji tal-Ġgantija.

Bħala reġjun, Għawdex jikkwalifika għall-fondi speċifiċi mill-Unjoni Ewropeja. Il-Gvern hu konxju, għaldaqstant, li l-imprendituri Għawdxin jeħtieġu jħaddmu r-riżorsi tagħhom biex jiksbu l-aħjar vantaġġi minn dawn il-fondi. Il-parti l-kbira ta' dan in-nuqqas ġej minn nuqqas ta' għarfien ta' meta u fejn dawn il-fondi jiġu allokati u kif tasal għalihom. Għalhekk, fl-2006, il-Gvern jassigura li dawn ir-riżorsi jkunu iktar aċċessibbli għall dawk ippreparati li jieħdu inizjattivi f'dan ir-rigward.

*(Traduzzjoni għall-Malti mid-Direzzjoni tar-Rivista)*

*Kummentarju*

# *Għajnsielem f'Għawdex jew le?*



*minn* ***FRANCIS CAUCHI, SINDKU TA' GĦAJNSIELEM***

**Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali li raħal minn Għawdex jingħaqad mat-tnax-il distrett f'Malta, ma niżlet xejn tajjeb ma l-elettorat Għawdxi, b'mod partikolari mal-poplu t'Għajnsielem li tteħidlu d-dritt li jivvota għall-kandidati Għawdxin, meta Għawdex suppost beda jiġi ikkunsidrat bħala reġjun.**

Dan kollu ġara għax eluf ta' persuni minn Malta aġġlikaw għall-Karta ta' l-Identità fuq residenza sekondarja f'Għawdex biex jiffrankaw li jħallsu t-tariffi normali dwar transport bejn iż-żewġ gżejjer. Konsegwenza ta' dan, in-numru ta' votanti fid-Distrett t'Għawdex qabeż il-ħamsa fil-mija u skond il-Kostituzzjoni l-Kummissjoni Elettorali ma kelliex triq oħra ħlief li tneħħi raħal minn Għawdex biex jingħaqad mat-tnax il-Distrett f'Malta kompost mill-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u n-Naxxar.

Nista' ngħid li b'din is-sitwazzjoni ż-żewġ partiti ewlenin kienu ilhom żmien twil jafu li xi darba dan jista' jseħħ kif fil-fatt ġara. Però sfortunatament donnu ħadd miż-żewġ partiti ma kellu interess ta' dak li kien ser jiġri f'dan il-każ.

Kieku ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex isir xi tip ta' arranġament dwar in-noll tal-vapur għal dawk il-Maltin li verament għandhom it-tieni residenza tagħhom f'Għawdex, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li jdawru l-Karta ta' l-Identità fuq Għawdex. Hemm bżonn li l-awtoritajiet konċernati jistudjaw bir-reqqa biex isolvu r-reġistrazzjoni tal-Karti ta' l-Identità f'Għawdex ta' dawk in-nies li verament ma jgħixux fil-gżira Għawdxija.

Il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem li huwa l-għola istituzzjoni fir-raħal, flimkien mal-poplu Għajnselmiż u l-kumplament tal-poplu għawdxi oġġezzjona bil-qawwa għal din id-deċiżjoni li ma tixraqx kemm lil dan ir-raħal kif ukoll lill-kumplament tal-gżira Għawdxija. Il-poplu Għajnselemiż ser ikompli bil-protesti tiegħu biex fl-aħħar jerġa' jikseb dak id-dritt li dejjem kellu li jivvota fil-gżira Għawdxija.

Il-Kunsill kiteb u qed jitlob lill-partiti politiċi kollha biex dawn flimkien jilħqu ftehim li tinsab soluzzjoni ġusta għall-gżira Għawdxija b'mod partikolari lir-raħal t'Għajnsielem. Dan għandu jsir b'emenda fil-Kostituzzjoni anke jekk din tkun eċċezzjoni għar-regola. Għawdex għandu jingħata importanza partikolari għaliex Għawdex hu gżira u mhux biss reġjun.

Ir-rieda ta' l-Għawdxin flimkien ma' dan il-Kunsill huwa li Għawdex jibqa' dak li hu bla mittiefes, bħal ma dejjem kien, u jibqa' darba għal dejjem bħala distrett wieħed kompost mill-irħula kollha Għawdxin.

# FEHMET IL-QARREJJA

## Gazzetta Għawdxija? Xifer x'hiex?...




*Xtrajt u qrajt l-ewwel tliet ħarġiet tal-gazzetta ġdida bl-ingliż "The Edge" li bdiet toħroġ kull xahar minn grupp ta' intellettwali għawdxin li, skond kif qed jingħad huma membri taċ-"Circolo Gozitano". Din il-gazzetta b'format u preżentazzjoni tassew attraenti, tagħtini l-impressjoni li qed naqra tip ta' ġurnaliżmu mimli sensazzjonaliżmu bħal "The Sun" jew "The Daily Mirror". Tixbagħhom ħafna, kemm fl-istil, kemm fil-mentalità, kif ukoll fil-valuri... Preżentazzjoni tassew moderna.*

*Imma jiena xtaqt nagħmel xi mistoqsijiet: Għaliex "The Edge"? Xifer x'hiex? Xifer il-gżejjer Maltin, xifer l-etika ġurnalistika, xifer il-kultura u l-edukazzjoni soċjali, jew xifer il-prudenza nisranija?! U għaliex bl-Ingliż? Mela l-Għawdxin ukoll tilfu l-lingwa?! U għaliex tant artikli sensazzjonali, immaġinattivi u anke ambigwi fejn jidħlu aspetti reliġjużi jew politiċi? Jista' dan jissejjaħ ġurnaliżmu informattiv jew edukattiv? Biex tkun ta' ġid għall-pajjiż, x'jiswa li jkollok gazzetta format "tabloid" attraenti biex tinbiegħ, jekk ma toffrix artikli ta' serjetà ġurnalistika biex teduka lill-poplu? X'sar mill-kultura ta' poplu ċivilizzat u mill-valuri nsara li trabba fihom? Jaqaw tassew wasalna fit-tarf?*

*Kont nistenna xi ħaġa aħjar minn għawdxin ta' ċertu livell kulturali. Fuq kollox, nistenna aktar serjetà etika, aktar loġika u sens komun, aktar rispett u edukazzjoni ċivika, iktar proposti pożittivi u analiżi tassew oġġettiva. U bil-Malti, "please"! Jew aħjar, jekk jogħġobkom!*

**Dun Anton Sultana**
**(Qala)**

## Ħdejn San Franġisk... Pjaga Enormi

*Ilni ħafna biex nikteb dwar problema li ilha tittikani għal żmien twil għax hi pjaga li niltaqa' magħha kull jum. Ħafna kienu dawk li wkoll talbuni biex nikteb dwarha. B'din id-daqqa ta' pinna ma jfissirx li se nsolvu kollox. Imma ta' lanqas inżid ma' dak li diġa nkiteb. Din tal-lum ilha magħna, iżda qatt ħadd ma ddeċieda li jaqbad il-barri minn qrunu biex insolvuha darba għal dejjem.*

*Meta minn Pjazza San Franġisk, xarabank tkun trid tinżel għall-Bus Terminus ta' Triq Putirjal, ta' kull ħin se ssib serbut ta' karozzi telgħin minn din it-triq għall-istess misraħ. Jiġri li bosta drabi dawn il-karozzi ma jieqfux ftit biex tinżel ix-xarabank (għax illum kulħadd mgħaġġel, kulħadd bla paċenzja!) u allura nħallikom timmaġinaw il-kaos, il-ħornijiet, l-istorbju, il-konfużjoni li jinqalgħu.*

*Sadanittant irridkom tkomplu taħsbu x'volum ta' karozzi jilħqu jakkumulaw sakemm ix-xufier tal-bus jirnexxilu jinżel ma' Triq Putirjal.*

*Naħseb li din il-problema hemm tarfha wkoll. Jistgħu jitwaħħlu "traffic lights" f'tarf Triq Putirjal qabel tilħaq Pjazza San Franġisk, li jkunu kkontrollati biss mix-xufier minn ġewwa l-vettura tiegħu, u b'hekk jieqfu darba għal dejjem il-kummiedji li ta' kull darba jinħolqu hekk kif titfaċċa l-"bus" fi Pjazza San Franġisk qabel ma din tibda n-niżla ta' Triq Putirjal lejn il-Bus Terminus.*

*Din il-parti tar-Rabat illum saret "busy" ħafna u l-għadd ta' "light cars" kiber ġmielu u matul is-sajf, dan jiżdied konsiderevolment. Uħud mill-"buses" tagħna llum huma iktar komdi u akbar fid-daqs. Allura x'aħna nistennew?! Aktar ma jgħaddi ż-żmien nistennew li ssir xi ħaġa, aktar il-problema qed tikber u tikkomplika ruħha.*

**Kav. Joe M. Attard**
**(Victoria)**

# B'Impenn u bi Pjaċir



**Mill-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin**
**NGO Centre, Triq il-Madonna tar-Rummiena, Xewkija**
ngocentregozo@gov.mt

**L-Assoċjazzjoni twaqqfet biex tikkoordina u tgħin, b'mod ġenerali, il-ħidma tal-volontarjat f'Għawdex. Infatti nistgħu ngħidu li l-iktar kundizzjoni importanti għas-sħubija hi li l-organizzazzjoni ma jkollhiex skop ta' qligħ finanzjarju. L-applikazzjonijiet jinkisbu mill-NGO Centre stess, li jista' jintuża' (bla ħlas) għal-laqgħat (miftuħ tista' tgħid il-ġurnata kollha) u għall-fotokopjar.**

Wara li ħarsa introduttiva dehret fil-ħarġa ta' Awissu-Settembru 2004, inħass li jkun xieraq jibda jkollna rubrika regolari. Għandna l-ħsieb li, barra li nwasslu dettalji dwar il-ħidma tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni, ftit ftit - skond l-ispazju - nagħtu informazzjoni dwar id-diversi membri - żgħar u kbar - involuti fl-oqsma vasti tal-filantropija, kultura u sport.

Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni jħoss li funzjoni essenzjali hi li jagħmel iktar magħrufin dawn it-teżori li bihom hi mżejna s-soċjetà Għawdxija, waqt li min-naħa l-oħra joffri lill-membri tagħlim u tagħrif li jista' jkun utli. Ir-ritratt juri seminar li nitkellmu fuqu darb'oħra.

## *Rappreżentanza*

F'dawn l-aħħar xhur, il-President Antoine Vassallo diversi drabi ġie li stednuh jagħti ħarsa lejn is-sitwazzjoni tal-volontarjat f'Għawdex waqt laqgħat ma' barranin, f'*seminars* u diskussjonijiet. Jirrappreżenta s-settur ukoll f'okkażjonijiet bħal, per eżempju, ċerimonji tal-Festi Nazzjonali. L-Assoċjazzjoni tagħmel parti mill-*core group* tal-Kumitat Reġjonali tal-Proġetti għal Għawdex. Issa ghandha l-unur li dan ir-rappreżentant tagħha saħansitra nħatar is-Segretarju Eżekuttiv.






## Filatelija

Waħda mill-membri fil-Grupp tal-Kultura hi l-*Gozo Philatelic Society*. L-għaqda twaqqfet fl-1999 biex tmexxi 'l quddiem dan id-delizzju f'Għawdex. Bil-kollaborazzjoni tas-surmastrijiet torganizza laqgħat għat-tfal fl-iskejjel. Toffri opportunitajiet għall-akkwist ta' bolli u informazzjoni dwarhom u kif tiġborhom, għaż-żgħar u l-kbar, hu x'inhu l-livell tagħhom. Vantaġġ importanti tas-sħubija hu l-perjodiku li jitqassam kull tliet xhur; joħroġ bl-Ingliż peress li hemm ukoll membri barranin u f'pajjiżi oħra. Il-kumitat jieħu ħsieb jipproduċu *covers* speċjali meta jkollna settijiet jew timbri konnessi ma' Għawdex (ir-ritratt fuq juri eżempju reċenti).

Barra wirjiet żgħar, bħal dawk li ttellgħu fl-aħħar xhur Ta' Pinu waqt is-Simposju Marjan u fil-Banca Giuratale fl-anniversarju tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, forsi l-iktar attività li tagħmel ħoss hi l-*GPS Philatelic Exhibition*. Issir annwalment b'parteċipazzjoni qawwija fil-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru fi Pjazza San Franġisk. Il-membri jkunu mistiedna jesebixxu bolli u oġġetti filateliċi oħra. Din id-darba s-suġġett magħżul hu "il-Festi" (iżda, non-kompetitivament hemm liberta' sħiħa); ikun hemm bħas-soltu anki sezzjoni ta' *Postal History*. Il-ġranet se jkunu mill-4 sat-13 ta' Novembru.

Is-sħubija fis-Soċjeta' hi Lm2 (Euro 12 barra) fis-sena - LM1 biss għal dawk sas-16. Min hu interessat jista' jikteb POBox 10 VCT 101.

## Morda u anzjani

Waħda mill-membri fil-Grupp tal-Filantropija hi l-Ħbieb tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex (*Friends of the Sick and Elderly in Gozo*) li tnediet fl-1988. Għandha l-għanijiet li sserraħhom u tassistihom, bil-faċilitajiet li jeħtieġu, fi djarhom u fl-isptar u f'istituzzjonijiet oħra. Il-Ħbieb huma kommessi li jinfurmaw lill-pubbliku bil-ħtiġijiet tal-morda u l-anzjani u jħeġġuh biex jieħu interess fil-problemi tagħhom. Kull meta jkun meħtieġ, il-Ħbieb jagħmlu pressjoni ma' l-awtoritajiet għall-ġid tagħhom.

Matul is-snin, saru numru kbir ta' għotjiet u self ta' apparat u strumenti lill-Isptar Generali ta' Għawdex, għotjiet ta' flus lill-istituzzjonijiet li jieħdu ħsieb l-anzjani u għajnuniet lil individwi morda u anzjani. Isiru żjajjar u attivitajiet regolari. Il-Ħbieb jgħinuhom anki fi djarhom: barra milli jżuruhom, jipprovdu servizz ta' mtieraħ speċjali għal min mixħut fis-sodda L-għaqda tipparteċipa fil-programm tal-Platt Sħun (*Meals-on-Wheels*) kuljum.




Hemm mijiet ta' membri (b'miżata ta' LM1 fis-sena jew LM10 *Life Membership*) iżda l-attivisti huma ftit .L-għaqda teħtieġ l-impenn attiv ta' aktar voluntieri: kull par idejn jistgħu jagħmlu xi ħaġa, żgħira kemm hi żgħira, għall-ġid ta' min hu fil-bżonn! Bil-fors ikollhom jiġu organizzati attivitajiet għall-ġbir ta' fondi, fosthom *car boot sales* kull xahar: imiss fit-30 ta' Ottubru u s-27 ta' Novembru.

Iktar informazzjoni: 21551849, 21564132 jew 21551757. Għas-servizz ta' l-imtieraħ ċempel 21555805. L-indirizz postali hu: FSEG c/o NGO Centre Xewkija Fuq l-internet, tistgħu tmorru www.gozitans.com/uk/fseg.htm.

**Antoine Vassallo**





# TA' KENUNA
**Bar & Restaurant**

*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.



ESPERJENZI

# *Pellegrinaġġ Għawdxi fl-Italja f'għeluq is-Sena ta' l-Ewkaristija*

Fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika mnedija mill-mibki Papa Ġwanni Pawlu II kif ukoll fis-sena tal-elezzjoni tal-Papa Benedettu XVI, id-Djoċesi t'Għawdex organizzat pellegrinaġġ immexxi mill-Isqof Nikol Cauchi, f'rabta ma' dawn iż-żewġ avvenimenti. F'dan il-pellegrinaġġ li sar bejn is-16 u it-23 ta' Settembru 2005 żorna postijiet marbuta mal-Mirakli Ewkaristiċi ta' Lanciano u Orvieto, postijiet marbuta mal-ħidma ta' San Benedettu bħal Subiaco u Montecassino, kif ukoll postijiet ta' devozzjoni u talb marbuta ma' qaddisin kbar bħal San Piju tal-Pjagi ġewwa San Giovanni Rotondo u San Franġisk ġewwa l-belt ta' Assisi.



Assistejna ukoll b'entużjażmu u ferħ kbir għal-udjenza li kellna mal-Papa Benedettu XVI u l-laqgħa fraterna li kellhom flimkien l-Isqof tagħna Nikol Cauchi u Benedettu XVI fi pjazza San Pietru. Ipparteċipaw f'dan il-pellegrinaġġ 52 pellegrin li kienu jinkludu tfal żgħar, adolexxenti, żgħażagħ kif ukoll persuni li għandhom ħafna esperjenza tal-ħajja. Għexna mumenti ta' talb, riflessjoni, ferħ, kif ukoll mumenti ta' komunjoni u fraternità. J'Alla dawn il-mumenti li għexna flimkien nibqgħu ngħożżuhom fix-xhur li ġejjin.

***Dun Eddie Zammit***

Il-pellegrinaġġ li għadna kif temmejna dan l-aħħar kienet esperjenza mill-isbaħ għalija. Peress li kont ilni ma nsiefer kont qed nistenna din l-esperjenza ħafna. Ħassejt li kienet ħarġa differenti mill-oħrajn li għamilt fil-passat. Ir-raġuni għal dan hija sempliċi. F'dan il-pellegrinaġġ żorna santwarji marbuta mal-misteri ewkaristiċi. Immeditajna dwar il-ħajjiet ta' qaddisin kbar bħal San Piju tal-pjagi u San Franisk t'Assisi u żorna postijiet marbuta ma' ħajjithom bħal San Giovanni Rotondo u Petrelcina, u Assisi, u fl-istess waqt tgħaxxaqna bis-sbuħija ambjentali li joffru dawn il-postijiet. Il-qofol ta' kull ġurnata kienet tkun il-quddiesa mmexxija mill-Isqof u r-riflessjoni li kien joffrilna. Li kellna nqumu kmieni biss ħadd ma lmenta u t-triq twila tal-vjaġġ kienet tiqsar bit-tagħrif li kemm l-Eċċelenza Tiegħu Mons. Isqof kif ukoll is-saċerdoti l-oħra kienu jagħtuna dwar il-postijiet li nkunu ser inżuru. Xi ċajta sabiħa waqt il-mument ta' rikreazzjoni lanqas kient tonqos.

Il-qofol taż-żjara nħoss li ntlaħaq l-Erbgħa fejn kellna x-xorti nattendu għall-udjenza ġenerali mal-Papa fi Pjazza San Pietru. Konna fost folla kbira ta' 27,000 ruħ. Imma ħassejna ruħna ħafna viċin il-Papa peress li konna fuq quddiem nett. Laqtuni xi żgħażagħ tal-grupp tagħna li kienu jqumu qabel kulħadd biex imorru f'xi knisja fil-qrib. Pożittiv kien il-fatt li kien nieqes is-soltu ġieri sfrenat għax-xiri. Forsi għalhekk ukoll ħriġna iktar sodisfatti u kuntenti għax il-kalma u s-serenita' li ksibna f'din l-esperjenza ma ntilfitx fil-ġiri żejjed. Kuntenta li dan il-pellegrinaġġ djoċesan tani aktar trankwillità u fidi aktar imsaħħa u mħeġġa.

***Therese Attard***







Pellegrinaġġ mhux safra kwalunkwe bħal tant oħrajn. Pellegrinaġġ jeħtieġ dispożizzjoni interna għaliex huwa wkoll vjaġġ tar-ruħ.

Dan il-pellegrinaġġ fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika ppreżenta kemm lili u kemm lil sħabi l-pellegrini l-oħra waqtiet ta' esperjenza spiritwali qawwija u ta' għarfien tas-sbuħija tal-kultura nisranija. Ma nħossx li kelli għalfejn inżur is-santwarji tal-mirakli ewkaristiċi f'Lanciano u Orvieto biex nemmen bis-sħiħ il-misteru tal-fidi tal-preżenza tal-Mulej fl-Ewkaristija, iżda ħadt l-opportunità biex f'dawn iż-żjarat, quddien il-miraklu bid-deher u bix-xhieda fl-istorja, nagħmel talba mill-qalb "Grazzi Mulej Ġesù, aħfirli Mulej Ġesù." F'Lanciano Mons. Isqof kellimna dwar 'it-tqarbina tax-xewqa', dwar il-ħtieġa u s-siwi tagħha, u f'liema ċirkostanzi fil-ħajja għandna nirrikorru għaliha. F'Orvieto, imbagħad, huwa ffoka l-ħsieb tiegħu fuq 'it-tqarbina sagramentali' u saħaq fuq it-tħejjija xierqa.

Ir-reċita tar-rużarju meditat - fid-dwal inemmnu tal-*flambeaux* minkejja xi raxxa xita rqiqa - fil-misraħ tas-santwarju ta' San Piju tal-Pjagi, kif ukoll l-udjenza mal-QT il-Papa Beneditt XVI fi Pjazza San Pietru kienu żewġ mumenti qawwija meta ħassejtni nogħdos fl-universalità tal-Knisja.

Esperjenza interessanti kienu l-vjaġġi bil-kowċ li qishom kienu jonqsu fil-kilometri x'aktarx minħabba t-talb u l-kant, it-tifsiriet dwar dak li konna se nżuru fid-destinazzjoni li jmiss u l-aneddoti ħelwin li Mons. Isqof kien imprompt jirrakkonta. F'waqtiet bħal dawn smajna dwar il-beatu poeta Jocopone da Todi li tul ħajtu qies bhala *somma sapienza essere reputato pazo per l'amor de Cristo* (l-akbar għaqal hu li tkun miżmum b'miġnun għall-imħabba ta' Kristu) u San Filippu Neri b'xi praspar qaddisa tiegħu.

Dan il-pellegrinaġġ kien okkażjoni fejn il-grupp għex għal ġimgħa qrib l-Isqof tiegħu. Nistqarr li kien hemm waqtiet meta rriflettejt kemm jaqblu għall-Isqof tagħna x'uħud mill-aġġettivi fid-diskrezzjoni ta' "l-isqof" li San Pawl jagħmel fl-ewwel ittra tiegħu lil Timotju.

Fl-omelija tiegħu, fl-aħħar jum tal-pellegrinaġġ tagħna, Mons Isqof fisser għaliex dan il-pellegrinaġġ ma kellux jintemm mal-wasla tagħna lura f'Malta u f'Għawdex. Hekk hu. Pellegrinaġġ mhux bħal safra kwalunkwe. Pellegrinaġġ ma fihx ritorn.

***Joe Psaila***

**LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA** — **Minn George N. Cassar**

# TIDĦAK jew TINKWIETA...

Mananni: *(Hi u ħierġa mill-knisja)* **Dolor, kull meta nisma' dal-Vanġelu fuq l-aħħar tad-dinja, jaqbadni bħal tferfir fl-istonku. Smajtu x'qal Dun Anton? : 'Il-kwiekeb jaqgħu, ix-xemx tiddallam; il-qawwiet tas-sema jitheżżu.' Emminni, tgħidx kemm ninkwieta meta noqgħod naħseb fuq l-aħħar tad-dinja.**

Dolor: **Manann, jien ngħid għalija, mhux fuq l-aħħar tad-dinja ninkwieta. L-inkwiet tiegħi kollu fuq l-aħħar tax-xahar...**



Dolor, bl-ispirtu pront tagħha, ma kenitx qed tiċċajta għal kollox. Bil-kontijiet dejjem ġejjin u l-prezzijiet dejjem jogħlew, lill-mara tad-dar ma tagħtihiex tort jekk tinkwieta hix ħa sserviha l-paga tar-raġel. Imma l-bniedem mhux fuq il-finanzi biss iħabbel rasu. Jinkwieta fuq elf ħaġa, tant li hawn min jgħidlek, tneħħi l-inkwiet, fid-dinja ma jibqa' xejn. Ninkwetaw l-ewwelnett fuq dawk li huma l-eqreb u l-egħżeż għalina. Ninkwetaw fuq saħħitna, fuq l-iżbalji li nagħmlu, fuq il-problemi li jinqalgħu ma' tal-familja jew fuq ix-xogħol. Tinkwetana mhux ftit l-inċertezza tal-ġejjieni. Ħafna minn dan l-inkwiet huwa naturali; jgħinna b'xi mod nantiċipaw il-problemi biex insibu tarfhom fil-waqt. Ftit minuti ta' nkwiet isaħħuna u jimmaturawna.

## *Min jinkwieta bil-goff*

Il-gwaj jibda meta mmorru fl-estrem u nħallu l-inkwiet jagħmel bina. Ninsew li meta jisbaħ għada, 'it-traġedji' tal-lum x'aktarx jgħosfru weħidhom. "L-iktar li jiddispjaċini ," stqarr wieħed għaref fuq is-sodda tal-mewt, "mill-ħin li ħlejt ninkwieta bla bżonn fuq affarijiet li qatt ma ġraw." L-inkwiet eċċessiv ifixklek u jmarrdek, jimliek bl-ansjetà, inaqqaslek l-aptit u jgħarraqlek il-gost tal-ħajja; sa jindiehes miegħek fis-sodda u ma jħallikx tagħlaq għajn m'għajn. Min jinkwieta bil-goff x'aktarx jammetti li jkun qed jgħaġġibha u jġib id-dinja fit-tarf, imma, xorta jibqa' jitfittet u jinfena minn ġewwa. Il-froġa li jkun għamel ma nafx kemm-il sena ilu, jibqa' jhewden fuqha; mhuwiex kapaċi jinsa u jaħfer lilu nnifsu. Iħares lejn kuġinuh. Jaraħ jieħu l-ħajja biċ-ċajt, donnu jaqa' u jqum minn kollox. "Xbin !" qallu m'ilux il-kuġin,"Tidħak jew tinkwieta, ma tixtrix b'ħabba ftieta." Iżda hu, mgħarraq li hu, magħġun mod ieħor. Mhux ħlief iqatta' msarnu bl-inkwiet; donnu ma jkunx kuntent, ma jkunx jaf li qed jgħix, jekk ma jsibx fuqiex jinkwieta.

Issib min jinkwieta għax ikun ibati minn sens ta' insigurtà jew ta' inferjorità, ġeneralment ħtija tat-trobbija żbaljata li kiber fiha. Jinkwieta għax jiddubita minnu nnifsu, jibża' li jagħmel x'jagħmel, mhux sa jġibha żewġ. Niftiehmu, il-problemi tiegħu ma jkunux agħar minn ta' ħadd-ieħor imma quddiem għajnejh jinżel bħal





għamad u ma jibqa' jara ebda xaqq dawl. Ġie biex jieħu deċiżjoni. Miskin , jibqa' jtella' u jniżżel, jittortura lilu nnifsu għal xejn b'xejn; m'huwiex kapaċi jaqta' ż-żarda; jibqa' qisu stordut, ma jafx fejn hu. L-oħra, u din mhijiex xi fula f'qargħa, inzertat perfezzjonista; tinkwieta saħansitra fuq kull fettuqa; fejn għandha x'taqsam hi, ma toqgħodx bi kwietha jekk ma jkunx kollox dritt, preċiż u perfett. Jgħidulek it-tobba u l-konfessuri kemm iħabbtu wiċċhom ma' nies iffissati jew skruplużi li jaħasra jtertqu qalbhom bid-dubji jew bl-iskrupli, b'ħafna beżgħat li ma jkunux ħlief bżieżaq tas-sapun li jinfaqgħu mix-xejn.

## *Xi rimedji*

Biex inaqqas l-inkwiet u minn għalih iderri, hawn min jispiċċa jibla' l-kalmanti, jew jagħtiha għax-xorb jekk mhux ukoll jiċċappas bid-droga. Riċetta rħisa li



jagħtuk il-psikjatri sempliċement tgħidlek: IRRILASSA. Fil-ħajja mimlija tensjoni li qed ngħixu llum, iva, jaqbillek tidra tieqaf mir-rutina tas-soltu, tinqata' għalik waħdek u tistrieħ fil-kwiet, jew toħroġ ħarġa fil-kampanja, tiċċarġja l-batterija int u timla l-pulmuni bi ftit arja friska. Rimedju ieħor biex trażżan kemm jista' jkun l-inkwiet huwa li titgħallem tinsa lilek innifsek u tibda taħseb iktar fuq il-bżonnijiet ta' l-oħrajn. Marija romlot ta' xi erbgħin sena. Żewġha miet f'inċident fuq ix-xogħol u ħallieha bi tliet subien, wieħed minnhom b'diżabilità. Flok intefgħet f'rokna titbekka xortiha, integrat ruħha fil-ħajja tal-komunità. Żammet ruħha attiva, sa bdiet tgħin lil Dun Manwel fil-volontarjat. Kull meta niltaqa' magħha tagħtini l-impressjoni ta' mara kuntenta. Naturalment spiss ngħaddu minn esperjenzi fejn l-inkwiet ma tkunx tista' taħarbu, donnu jiggranfa miegħek bħal qarnita. Fi tmiem il-ġimgħa t-tifla, bil-kemm għalqet l-għoxrin, qed toħroġ bil-lejl tiddeverti ma' sħabha. Qabel tidħol id-dar, ommha ma tkunx tista' tagħlaq għajn m'għajn. Biex teħles mill-inkubu ta' dan l-inkwiet, issib min jagħtiha parir tgħidilha talba qasira ħa tinġabar bis-sliema, u mbagħad, (ismagħha!) titfi s-swiċċ ta' l-inkwiet u lil bintha tħalliha f'idejn Alla!

L-aħjar twissija biex ma naqgħux vittma ta' l-inkwiet tahielna l-aqwa għalliem prattiku li qatt rat id-dinja meta fetħilna għajnejna u qalilna :"Min minnkom, bl-inkwiet kollu tiegħu, sa jseħħlu jtawwal għomru b'xiber wieħed biss?" Smajnieh ukoll, hu u jkellem lil Marta, iċanfarha bil-ħlewwa: "Marta ! Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ, imma *waħda** hi meħtieġa." Henjin dawk li jfasslu ħajjithom fuq dil-waħda, - tgħidilna d-disa' beatitudni - għax qalbhom ma tittertaqx bl-inkwiet ta' did-dinja.

*(*) Dil-'waħda' hija t-tagħlim ta' Ġesù, l-għaqda miegħu u l-imħabba tiegħu.*

# ŻEWĠ POEŻIJI TA' FRANCIS SULTANA

## RITA

*Iva, iva dik Rita*
*li issa nafuha,*
*mihiex b'kunjom Hayworth,*
*li minn fuq il-Liżar*
*sew saret magħrufa*
*ma' min ċinema żar.*

*Iva, iva dik Rita,*
*b'hekk sirna nafuha,*
*mhix l-anqas ta' Cascia,*
*li lid-devot iġġib*
*anki l-impossibbli,*
*li jikseb jew isib.*

*Iva, iva dik Rita,*
*sieħeb Katrina,*
*hix mara jew raġel,*
*it-temp lest jurina,*
*b'uragan, tempesta,*
*x'jaf jagħmel, jagħtina.*

*'Mma donnu lil Rita*
*naqasha nifisha,*
*stordiet u ftit mielet*
*sa sabet il-wisa'*
*fejn setgħet tistrieħ;*
*ħalliet bliet bi kwiethom,*
*biex nifs jiġbdu sħiħ,*
*kuntenti li ħelsu*
*mill-qilla tar-rjieħ.*

## KATRINA

*Le, mhux dik Katrina,*
*imwielda fi Siena,*
*l' il-moħħ laqtitilna*
*bil-ħsieb illi ġiena;*
*għalkemm li f'ħajjitha*
*wisq laqtet imħuħ,*
*u l-paċi wkoll ġabet*
*fejn ġlied kien miżrugħ.*

*Le, le mhix Katrina,*
*dik t'Aragona,*
*miżżewġa 'l Neriku.*
*li biex jeħles minnha*
*wara ħames ulied,*
*ilkoll kemm huma bniet,*
*mġarrab b'erbat imwiet;*
*mingħajr ma ra iben*
*li tant xtaq u ried:*
*kellu jiksirha*
*mal-Belt Eterna,*
*għax bulla nulla*
*baqgħet ma ġietx.*

*Mhix l-anqas Katrina,*
*de' Mediċi, nsibuha,*
*ta' Franza reġina,*
*b'patruna nafuha,*
*ta' l-Arti tagħtina*
*it-Tuileries prezzjuż,*
*Arti f'Arti meqjus.*

## VERSI RIFLESSIVI

*Fuq l-ebda Katrina,*
*la l-ewwel, la t-tieni,*
*irġejjen tar-Russja,*
*il-ħsieb le ma ġieni,*
*għalkemm it-tnejn nisa*
*b'intriċċi wisq kbar,*
*li saqu 'l pajjiżhom*
*fi gwerer mhux żgħar,*
*sa kiber u ssaħħaħ*
*biex sar dak li sar.*

*'Mma l-ħsieb ġera bina*
*biex kwadru jagħtina,*
*ta' żmienna, Katrina,*
*li twieldet u mietet,*
*biss għexet, ftit jiem.*

*Tant kibret bil-għaġġla*
*u ssaħħet bil-goff,*
*ħallietna mistagħġba,*
*rbatna rbit ċoff;*
*biex daħlet fi djarna,*
*m'hemmx twieqi, vetrini,*
*u fl-ilma saqitna.*
*Bħal zkuk sulfarini;*
*u l-ħerba li ħolqot*
*Katrina tal-lum.*
*B'ħalq miftuħ tgħaġġbek.*
*biljun fuq biljun.*

*Tgħiduli, għax qiegħed*
*tagħmilha 'l Katrina.*
*qisha ġiet fostna*
*bil-frosta tagħtina!*

*Għax tant kulħadd ħassha.*
*Tant l-aħbar ġriet.*
*Li l-għawġ kollu l-ieħor*
*ntesa, għal ftit miet...*
*Biex turi n-Natura,*
*lill-bniedem il-kburi:*
*Li l-Qawwa Suprema,*
*x'ħin trid, f'butha ddaħħlu,*
*toħloqlu problema!*

## APPREZZAMENT

# PATRI BONAVENTURA M. CAMILLERI

*(1914 - 2005)*



Minn dawn il-kolonni jmiss illum li nsellmu lil dak li fi bnadi oħra diġà sejjaħtlu "iben kbir ieħor" ta' Għawdex tagħna, Patri Bonavetura M. Camilleri, Franġiskan Konventwal. Ftit huma dawk midħla tal-gżira Għawdxija u tat-tagħlim tat-teoloġija fis-seminarju tagħha, li ma semgħux bl-isem ta' dan il-patri għaref, predikatur magħruf u saċerdot qaddis. Forsi t-tifkira li min, bħali, għadu pjuttost żgħir fl-età, għandu ta' dan il-patri hi iżjed ta' xwejjaħ liebes iċ-ċoqqa sewda qed iqarar fuq siġġu quddiem is-sagristija tal-knisja ta' San Franġisk, fil-kunvent fejn għex l-aħħar snin ta' ħajtu qabel ma ġie rikoverat f'dar ta' l-anzjani. It-tifkira li jien għandi tiegħu filfatt hija din, u ta' abbati ċkejken għand il-Franġiskani tar-Rabat, il-wiċċ helu tiegħu dejjem ġibidni lejh u saħħaħli l-imħabba li kelli lejn dawn il-patrijiet. Kulħadd kien jafu b'"Iz-Ziju", għax għal kulħadd kien wieħed "ta' ġewwa", bniedem li tassew jiġbdek u dejjem lest b'kelma ta' mħabba u fejda għal kulħadd.

Patri Bonaventura M. Camilleri twieled nhar il-5 ta' Novembru 1914, iben Ġużeppi u Maria mwielda Falzon, fil-belt Victoria. Kien fl-istess jum li l-viċi tal-parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat għammdu f'dik il-knisja bl-ismijiet ta' Fortunato, Antonio u Alosius. Il-professjoni sempliċi fi ħdan l-aħwa Minuri Konventwali għamilha bl-ewwel voti tiegħu f'Novembru 1934, biex imbagħad fl-1937 ikkonferma għal dejjem l-għaqda tiegħu ma' Alla f'dan l-ordni permezz tal-professjoni sollenni.

Sa mill-bidu ta' l-istudji tiegħu Patri Bonaventura wera x'għaref kbir kien. Hu kiseb riżultati tajbin fil-kulleġġ ta' l-ordni fl-Italja. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kellu jiġi Malta. Kien hawn li nhar il-5 ta' Novembru 1939 ġie ordnat presbiteru. Imma meta ntemmet il-gwerra, malajr intbagħat jissokta l-istudji tiegħu fil-kulleġġ ta' San Bonaventura, f'Ruma. Minn hemm ħareġ b'liċenzjat (1947) u dottorat (1949) fit-teoloġija. Hekk Patri Bonaventura jibqa' mfakkar bħala wieħed mill-ġenji kbar tat-teoloġija fil-gżejjer tagħna. Hu ma żammx l-għerf tiegħu għalih imma xerrdu b'kull mod li seta' – billi għallmu hu stess, bl-omeliji tiegħu u bil-kontribuzzjonijiet tiegħu f'diversi pubblikazzjonijiet lokali. Filfatt malli wasal Malta beda jgħallem id-dommatika fil-kulleġġ ta' l-ordni, fil-belt Valletta. Id-domma kienet is-suġġett tiegħu, u filfatt mill-1968 għallimha wkoll fis-seminarju djoċesan ta' Għawdex, li minħabba s-snin twal ta' tagħlim li hu ta fih, hu partikularment midjun lejh. Min jaf kemm saċerdoti Għawdxin ħarġu minn taħt l-idejn kapaċi tiegħu! Kulwieħed minnhom li tgħallem taħtu jgħidlek xi professur kapaċissmu kien Patri Bonaventura.

Huwa kien partikularment devot tal-verġni mqaddsa Marija Immakulata, hekk li qatt ma heda jikteb u jgħallem fuqha, kif għamel bil-kontribuzzjonijiet tiegħu f'rivisti bħal Il-Ħabbar ta' Sant'Antnin u Id-Devot ta' Marija. Fl-1954, f'għeluq iċ-ċentinarju tad-domma tagħha, kien intgħażel jagħmel diskors quddiem diversi mistednin distinti, fosthom l-arċisqof ta' Malta l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, fil-knisja ta' San Franġisk, il-Belt Valletta. Kien tabilħaqq marjologu mħeġġeġ.

Patri Bonaventura wettaq ukoll bl-ikbar reqqa l-ħidmiet tiegħu bħala Franġiskan Konventwal. Hu kien bosta drabi fl-ogħla karigi tal-provinċja bħala segretarju u assistent provinċjal, kif ukoll difinitur u kustodju tal-kapitlu. Fl-1953 sar gwardjan fil-kunvent ta' Birkirkara, fiż-żmien meta hemm il-patrijiet kienu bdew jibnu knisja ġdida. Imbagħad kompla bħala kappillan f'San Pawl il-Baħar fl-1963, fejn ukoll ħabat ħafna biex tinbena knisja ġdida flok dik qadima li kienet ċkienet sew għall-eżiġenzi tal-komunità. Xejn inqas ma ħadem bħala gwardjan tal-komunità ta' Għawdex, bejn is-snin 1974 u 1977. F'dan il-kunvent Camilleri għadda ħafna iżjed żmien u l-preżenza tiegħu dejjem ispirat kuraġġ fil-patrijiet l-oħra. Kien dan il-kunvent li, kontra qalbu, Patri Bonaventura kellu jħalli biex jiġi rikoverat fid-dar San Duminku, fil-belt Victoria. Hemm baqa' fl-għożża tas-sorijiet Dumnikani, ta' ħutu l-patrijiet u tal-familjari, sakemm ħalla din il-ħajja biex jiltaqa' mal-Ħallieq nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2005. Sarlu funeral kbir fil-knisja Franġiskana tal-belt Victoria, nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru, wara li l-ġisem mejjet tiegħu kien espost għal xi ħin għall-qima tal-fidili.

Waqt li nitolbu għal ruħu, nibqgħu ngħożżu t-tifkira sabiħa ta' dan il-"ġgant" tat-teoloġija li ħabb it-tagħlim u wżaħ biex ixerred il-ġid fost l-erwieħ.

**Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilu, jistrieħ fis-sliem. Amen.**

***Francesco Pio Attard***

*FIL-BIDU TA' SENA SKOLASTIKA ĠDIDA*

# Għaliex ir-Reliġjon anke fl-Iskejjel?

## L-GĦAN TA' L-EDUKAZZJONI

*Siltiet minn diskors ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi lit-teachers.*

- John W Gardner fil-ktieb tiegħu "*Self - Renewal*" jgħid: "*What does an educator do? He makes young people ready "to acieve the promise that is in them*".
- Il-Papa Piju XI fl-enċiklika *Divini Illius Magistri* tal-31 ta' Diċembru 1929 jgħidilna: "L-edukazzjoni tikkonsisti essenzjalment fil-Formazzjoni tal-Bniedem: kif għandu jkun u kif għandu jġib ruħu fil-ħajja tiegħu f'din id-dinja sabiex jilħaq l-għan aħħari li għalih ġie maħluq".
- Padre Spiazzi, Dumnikan, jiddefenixxi l-edukazzjoni bħala "Żvilupp integrali tat-tifel sakemm tiġi ffurmata fih personalità vera". Dan l-iżvilupp integrali jimplika żvilupp fiżiku (tal-ġisem), żvilupp intellettwali (moħħ), żvilupp affetiv (il-qalb), żvilupp morali u żvilupp reliġjuż.
- L-edukazzjoni morali trid tagħti lit-tifel tħejjija xierqa, biex meta jikber ikun jista' jġib ruħu fil-ħajja ta' kuljum ta' nisrani matur.

***Il-Kelma tar-Ragħaj, Vol IV. paġ. 91***

## KLIEM IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

- L-iskop tal-edukazzjoni hu li tgħallmu lit-tfal
  - i) il-moralità
  - ii) il-għerf (*knowledge*)
  - iii) ir-reliġjon
- Jekk ir-Reliġjon tiġi ttraskurata jew imwarrba fl-edukazzjoni, allura:
  - i) ma tibqax teżisti moralità
  - ii) u ma jsaltnux ġustizzja u paċi
- "Ir-Reliġjon hi element essenzjali fl-edukazzjoni" (15-3-1986).
- "L-iskejjel tal-Istat ma għandhomx jinsew lil Alla".
  *Il-Papa lill-Professuri tal-Università, Ferrara, Ottubru 1990.*

## JEKK TĦALLI BARRA R-RELIĠJON X'JIĠRI?

Parir tad-Duka ta' Wellington:

- "Ejjew ngħallmu lil uliedna it-tlitt "RRR" li huma:
  **Reading** (il-qari)
  **'Riting** (il-kitba)
  **'Ritmetic** (is-somom)
- Imma jekk inħallu barra ir-raba "R" li hi r-**Reliġjon** taf x'ikollna?
- Ikollna il-ħames "R": **Rascals** jiġifieri qabda "briganti."

## L-AQWA LEZZJONI TA' ĦAJTI

Wieħed kittieb magħruf Jerome Wiedman jirrakkonta xi ġralu meta kien tifel fl-iskola: -

- "30 sena ilu jien kont tifel fil-bankijiet ta' l-iskola. It-teacher tas-somom Mrs O'Niel darba tatna test biex nagħmluh id-dar. X'ħin għamlet il-*corrections* innutat li 12 il-tifel ma ħabblux rashom u biex jiffrankaw ix-xogħol, ikkupjaw is-somom minn għand xulxin. Miss O'Neil riedet tagħtihom lezzjoni u riedet tfehmhom li min jinganna illum jew għada jinqabad. Għalhekk żammithom l-iskola wara l-ħin u kitbet fuq il-*black board* dawn il-kelmiet "Bniedem onest qatt ma jqarraq b'ħadd, anke jekk jaf

## Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.



li mhux ser jinqabad" (*quotation* ta' Thomas B. Macaulay). It-tfal fehmuha din il-lezzjoni.

- Jerome Wiedman stqarr "Din kienet l-aqwa lezzjoni li ħadt għall-ħajti u swietli għomri kollu"

*Sunday Homilies Year A. pg. 206*
*ta' Fr. Mark J. Links*

- Xjenza mingħajr kuxjenza tfisser rovina.
- J. Edgar Hoover li kien kap tal-FBI Amerikana juri li mingħajr valuri morali it-tfal joħorġu delinqwenti u kriminali.

## IT-TFAL ISIRU DELIKWENTI

- **Jekk** tagħti lit-tfal kull ma jridu;
- **Jekk** ma tagħtix każ ma min qed tagħmilha bintek, min huma ħbiebha u fejn qed tgħaddi l-ħin.
- **Meta** t-tifel/tifla jkollhom xi jgħidu mat-*teacher* u int iżżomm mat-tfal.
- **Jekk** fid-dar, il-ġenituri dejjem jiġġieldu.
- **Jekk** tippretendi li t-tfal imorru l-knisja, imma int ma tmur qatt.
- **Jekk** int tippretendi li t-tfal iħarsu l-liġi, waqt li int il-liġi tiksirha (bħal ngħidu aħna taqsam it-triq xħin ikun dawl aħmar).
- **Jekk** fejn tidħol karità u xogħol volontarju int torbot idejk u ma tagħmel xejn...
- **Jekk** hemm bżonn ta' kastig u int ma tikkastigahom qatt.
- **Jekk** int qatt ma tammetti li għandek tort.

*Mill-ktieb: "The Sower'n Seeds Bk. IV"*
*ta' Brian Cavanaugh*

KTIEB X'TAQRA

# *"PARIRI SPIRITWALI TA' DON BOSCO"*

**Mons. Nikol Ġ. Cauchi; Ġabra; Għawdex 2005; Lumen Christi Publications; pp.32; Lm0.75ċ.**

*Dan huwa ktejjeb ġdid maħruġ minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Huwa ġabra ta' pariri spiritwali biex in-nisrani jersaq aktar lejn Alla. Ta' min isemmi li dan huwa l-ħames ktieb fis-sensiela Spirtu u Ħajja. L-oħrajn huma "Pariri Spiritwali ta' Patri Piju", "Pariri Spiritwali ta' Dun Ġorġ Preca", "Pariri Spiritwali ta' Papa Ġwanni" u "Pariri Spiritwali ta' Madre Tereża". Dawn it-titli jfakkruna f'ġganti fil-qasam spiritwali. Ilkoll imxew il-ħajja nisranija b'ċertu entużjażmu, u dan ġie kkonfermat mill-Knisja li daħħlithom fil-lista tal-Qaddisin u tal-Beati.*




*Mhux inqas minnhom insibu lil San Ġwann Bosco, qassis żelanti, mimli esperjenza pastorali, ħerqan biex aktar żgħażagħ iħobbu lil Ġesù l-aktar li tispikka fih hija l-ħeġġa lejn Alla filli jaqdih fil-qasam tat-tfal u taż-żgħażagħ. Billi huwa għex ħajtu f'kuntatt magħhom, kiseb ċerta esperjenza li għamluh wieħed mill-akbar edukaturi li nsibu fl-istorja tal-Knisja.*

*Hawn insibu ġabra fil-qosor ta' l-ispiritwalità ta' San Ġwann Bosco. Hija spiritwalità prattika, addattata għal kulħadd u bbażata fuq l-imħabba lejn il-Verġni Marija u l-Ewkaristija. Jagħti importanza kbira lis-sagrament tal-qrar u l-imħabba lejn il-Papa u l-Knisja, l-importanza tax-xogħol, il-qerda tal-għażż, l-appostolat, l-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ u l-iskop tal-ħajja.*

*Il-ktejjeb għandu sbatax-il taqsima filwaqt li fil-bidu għandu kronistorja, jiġifieri d-dati ewlenin ta' l-istorja tal-qaddis. Huwa miktub bi stil mexxej ħafna u juri b'mod ċar l-ispiritwalità Salesjana mwaqqfa minn San Ġwann Bosco, iżda kif jistqarr Mons. Isqof fid-daħla: "ftit jinkiseb ġid spiritwali jekk wieħed jipprova jaqra f'daqqa l-ktieb kollu".*

*Proverbju Latin jgħidilna li l-kliem li ngħidu jintesa imma l-kitba tibqa'. Dan jgħodd għal kull ħaġa miktuba. Don Bosco kien jemmen b'ruħu u ġismu fil-qawwa ta' l-istampa t-tajba u ħadem kemm felaħ biex iġibha 'l quddiem.*

*Nifraħ lil "Lumen Christi Publications" għal dan il-ktejjeb, għax qiegħda timxi fuq il-passi ta' dan il-qaddis billi tkompli tagħtina kotba ta' natura spiritwali u kateketika. Dan il-ktejjeb qed jinbiegħ 75ċ mill-ħwienet tal-kotba reliġjużi f'pajjiżna.*

**Angelo Xuereb**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 138
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2005

# Bandu dwar iż-Żamma tar-Reġistri

Id-dokument numru mija tmienja u tletin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu bandu dwar iż-żamma tajba tar-reġistri relatati max-xiri ta' kull xorta ta' ikel. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-gvern reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1705–1706), folju 1r (NAG, UG, Acta, 9/1705–1706, f. 1r).

Din hi t-traskrizzjoni tad-dokument:

***Ordiniamo e comandiamo che nell'officio di cotesta Università si teneti un registro nel quale si notinò tutte le sorti di vettovaglie de quali si provedetano per compra come per mutuo, si dell'Università di Malta, come da qualsivoglia altra forma, così anche si registrano le confarini del magaziniere di detta Università : di tutte le vettovaglie che si consegnaranno, da chi, che quantità, e qualità, assieme con la meta da stabilirsi da tutti giurati con le dovute scritture; di più nel medesimo registro se noti l'atto dell'obbligatione del magaziniere d'amministrare bene e non defraudere e saldare nel fine dell'Indizione le suoi conti con pagare il rendito al successore dando la solità idonea pleggeria in ampla forma.***

Dan hu l-ewwel Bandu jew regolament maħruġ mill-*Universitas* għas-sena 1705-1706. Is-sena amministrattiva u finanzjarja ta' l-*Universitas* kienet tibda fl-ewwel ta' Settembru. Hu għalhekk li ma' Settembru kienet tibda manetta b'numerazzjoni ġdida għall-atti ta' l-*Universitas*, ħaġa li l-qarrej jista' jinnota fir-riferenza mniżżla hawn fuq ma' kull dokument ippubblikat.

Fl-bidu ta' kull sena l-*Universitas* kienet toħroġ lista ta' Bandi. Ħafna minnhom kienu jkunu bħal tas-snin ta' qabel, iżda kull sena kienet tiżdied xi ħaġa ġdida. Il-Bandu riprodott jordna li jinżamm reġistru apposta li fih ikunu nnotati preċiż il-*vettovaglie*, il-qmuħ u ħwejjeġ oħra marbuta ma' l-ikel, bħal frottijiet, żejt, u inbid, li aktarx kienu mportati minn barra.

Kellha tinżamm reġistrazzjoni tax-xiri li jsir, kif ukoll tas-self biex isir l-istess xiri. Ir-reġistrazzjoni kellu tinkludi kemm ix-xiri li jsir mill-*Universitas* ta' Malta, kif ukoll dak mingħand ħaddieħor. Kellhom jiġu rreġistrati wkoll il-kwantitajiet li kienu jiġu maħżuna fil-fosos ta' l-*Universitas*.

Tal-ħwejjeġ ta' l-ikel li kienu jinxtraw u jiġu maħżuna kellha tinżamm, l-ewwelnett, deskrizzjoni ta' l-oġġetti mixtrija; it-tieni, mingħand min qiegħed isir ix-xiri; it-tielet, il-kwantità mixtrija; ir-raba', il-kwalità ta' l-oġġetti mixtrija; il-ħames, id-dritt li jmiss lill-*Universitas* minn kull transazzjoni kif stabbilit mill-ġurati, bid-dokument maħruġ mill-istess ġurati li jistabbilixxu dan id-dritt.

Il-persuna responsabbli kellha tara li r-reġistrazzjonijiet isiru preċiż.

Barra dan, ir-reġistru kellu jinkludi nota ta' l-obbligazzjonijiet li kellu l-ħażżiem tal-fosos; tar-responsabbiltà li kellu li jara li ma jsirx qerq; ta' l-obbligu li kellu li jagħmel il-ħlasijiet fit-tmiem l-Indizzjoni; u ta' l-obbligu ikbar li jagħti rendikont lis-suċċessur tiegħu flimkien ma' spjega tar-responsabbiltà marbuta ma' l-uffiċċju.



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (39)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IR-RABA' PARTI)*

## L-EWKARISTIJA HIJA WKOLL VERU SAGRIFIĊĊJU

**Li l-Ewkaristija hija tabilħaqq sagrifiċċju jidher mill-istess kliem ta' Kristu fit-twaqqif tagħha f'Ħamis ix-Xirka, awl il-lejl qabel ma miet. Fl-aħħar ċena, Ġesu identifika l-ħobż u l-inbid, li kellu quddiemu mal-Ġisem u d-Demm tiegħu. Waqt li ħass li mewtu kienet fil-qrib, tkellem dwaru nnifsu, bħala sagrifiċċju, li kien beda jseħħ; bħalma l-ħobż jinqasam, hekk kien sejjer jinqasam u jitfarrak ġismu; bħalma jissawwab l-inbid, hekk ukoll kellu jixxerred demmu. L-erba' testi tar-Rabta l-Ġdida, jiġifieri Mattew, Mark, Luqa u l-ittra lil-Korintin li jsemmu l-aħħar ċena, jaqblu dwar il-mewt ta' Kristu, mħabbra wkoll f'dik l-okkażjoni "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati!" (Lq.22,15). Hija l-mewt li Huwa aċċetta għat-tpattija tad-dnubiet u li biha nbeda Patt Ġdid.**

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n 1365.- 1366) jgħidilna "Il-karattru sagrifikali ta' l-Ewkaristija, jidher mill-kliem stess tal-istituzzjoni, "Dan hu ġismi li jingħata għalikom" u "Dan il-kalċi, hu l-Patt il-Ġdid, b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom (Lq.22,19-20). Fl-Ewkaristija, Kristu jagħti l-istess ġisem tiegħu li ngħata għalina fuq is-salib, l-istess demm "li xxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet." (Mt. 26,28) L-Ewkaristija mela hi sagrifiċċju għax tirrappreżenta (tagħmel preżenti) is-sagrifiċċju tas-salib, għaliex hi t-tifkira tiegħu, u tagħti l-frott tiegħu".

Kif jgħallem il-Konċilju ta' Trentu ( Denzinger-Schonmetzer, 1740 ) "Kristu, Alla u Sidna, offra darba għal dejjem lilu nnifsu lil Alla l-Missier meta miet fuq l-artal tas-salib, biex jagħti ( lill-bniedmin) fidwa għal dejjem. Iżda għaliex is-saċerdozju tiegħu ma kellux jintemm mal-mewt tiegħu ( Lhud 7, 24-24 ). Fl-ahħar ikla, 'fil-lejl li fih kien ittradut' ( I Kor,11,23 ) ried iħalli lill-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, sagrifiċċju li jidher, (kif titlob in-natura stess tal-bniedmin ) sagrifiċċju li bih u fih jiġġedded is-sagrifiċċju li seħħ darba għal dejjem bit-tixrid tad-demm fuq is-salib, ħalli t-tifkira tiegħu tibqa ssir sa l-aħħar taż-żmien ( I Kor 11, 23) u l-qawwa tiegħu għas-salvazzjoni tingħata għall-maħfra tad-dnubiet li aħna nagħmlu kuljum.

Iżda l-Ewkaristija mhix xi sagrifiċċju ieħor, miżjud ma' dak tal-Kalvarju, iżda hija l-istess sagrifiċċju tas-salib, li jsir preżenti mill-ġdid b'mod sagramentali. Kif l-Ewkaristija hija l-istess Ġisem u Demm, li bħala bniedem, għandu Krisu rxoxt, u mhix xi ġisem jew demm differenti; hekk ukoll l-Ewkaristija, mhix xi sagrifiċċju ieħor u divers minn dak tal-Kalvarju, mhix xi immolazzjoni jew qerda ta' xi vittma oħra, differenti minn dik li saret fuq il-Kalvarju, iżda hija l-istess immolazzjoni ta' fuq is-salib, li fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku ssir preżenti u attwali, f'idejna fuq l-altari tagħna. Kemm fis-sagrifiċċju tas-salib, kemm fis-sagrifiċċju ta' l-altar, għandha l-istess saċerdot, l-istess vittma, Ġesù Kristu, l-Feddej tagħna.

### *L-Ewkaristija, sagrifiċċju tal-Knisja wkoll*

L-Ewkaristija hija wkoll s-sagrifiċċju tal-Knisja, għaliex hija tiehu sehem fl-offerta ta' Kristu, r-Ras tagħha u toffri lilha nfisha, kollha kemm hi flimkien miegħu. Fl-Ewkaristija, s-sagrifiċċju ta' Kristu huwa ukoll is-sagrifiċċju tal-membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu għaliex l-insara, waqt li jissieħbu fil-quddiesa, mas-sagrifiċċju tiegħu, jgħaqqdu l-ħajja tagħhom, tbatijiethom, talbhom, u hidmiethom bħala offerta lil Alla. Fl-Ewkaristija, il-Knisja tissieħeb ma' l-interċessjoni ta' Kristu, quddiem il-Missier, għall-bniedmin kollha u toffri s-sagrifiċċju ewkaristiku, għall-ħajjin u għall-mejtin u bi tpatttija għad-dnubiet ( ċfr Katekiżmu tal- Knisja Kattolika n.1368 ). F'dan is-sagrifiċċju, il-Knisja mhux biss toffri 'l Kristu lil Missier Etern imma toffri wkoll lilha nfisha, " bi Kristu, ma Kristu, u fi Kristu" .

Fl-enċiklika "*Mysterium Fidei*" tal-Papa Pawlu VI (n 31) naqraw: " Meta l-Knisja twettaq ir-rwol tagħha ta'



qassis u vittma, flimkien ma' Kristu, hija l-Knisja kollha li toffri s-sagrifiċċju tal-quddiesa u l-Knisja kollha li tagħmel l-offerta tagħha nfisha, "Għalhekk, il-quddiesa barra milli hija s-sagrifiċċju ta Kristu, hija wkoll is-sagrifiċċju tal-Knisja, bil-membri kollha tagħha.

Iżda, hemm differenza bejn is-sehem tas-saċerdot u dak ta' l-insara l-oħra: is-saċerdot, peress li għandu wkoll is-saċerdozju ministerjali, jikkonsagra l-ħobż u l-inbid, li jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu; u s-saċerdot waħdu li jista jagħmel dan bis-saħħa tal-Ordni Sagri li rċieva. L-insara l-oħra , għaliex huma wkoll għandhom sehem fis-saċerdozju komuni ma' Kristu, flimkien mas-saċerdot u permezz tiegħu, joffru s-Sagrifiċċju Ewkaristiku.

Flimkien mal-Knisja pellegrina fuq l-art, fis-sagrifiċċju ewkaristiku, jissieħbu wkoll il-membri tagħha, li diġa daħlu fil-glorja tal-ġenna, u fih issir it-tifkira tal- Madonna, u l-qaddisin l-oħra.

## *Il-Quddiesa*

Il-quddiesa hija s-sagrifiċċju tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, li taħt ix-xbiehat tal-ħobż u ta' l-inbid, is-saċerdot joffri fuq l-artal lil Alla, waqt li jġedded u jfakkar b'dan il-mod, is-sagrifiċċju tas-Salib. Kif nistqarru fil-Kredu tal-Papa Pawlu VI: "Il-quddiesa ċċelebrata mis-saċerdot, li jirrappreżenta 'l Kristu bis-setgħa mogħtija fis-sagrament ta' l-Ordni Sagri u offerta minnu f'isem Kristu u f'isem il-membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu, hi tassew is-Sagrifiċċju tal-Kalvarju, li jsir preżenti sagramentalment fuq l-artali tagħna. Aħna nemmnu li kif, il-ħobż u l-inbid kkonsagrati mill-Mulej fl-aħħar ċena, inbidlu f'Ġismu u f'Demmu, li ftit wara kellhom ikunu offerti għalina fuq is-salib, bl-isess mod il-ħobż u l-inbid ikkonsagrati mis-saċerdot, jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li jsaltan glorjuż fis-Sema".

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija ( n. 47 ) jgħallimna li : "Is-Salvatur tagħna, fl-aħħar ċena, fil-lejl li fih kien ittradut, waqqaf is-Sagrifiċċju Ewkaristiku, tal-Ġisem u d-Demm tiegħu, li bih is-Sagrifiċċju tas-Salib jibqa' jiġġedded tul iż-żminijiet sal-miġja tiegħu, u b'hekk ihalli lill-Knisja, għarusa maħbuba tiegħu, it-tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu mill-mewt".

Fil-quddiesa, għandna l-istess misteru li seħħ fl-aħħar ċena u t-tnejn għandhom rabta mas-sagrifiċċju tal-Kalvarju bid-differenza li l-Aħħar Ċena kienet bħal tħabbira minn qabel u bidu tas-sagrifiċċju tal-Kalvarju li kien għadu ser jiġi mitmum, fil-waqt li fil-quddiesa llum, inħarsu lura lejn il-ġrajja tal-Kalvarju li diġa twettqet.

Kien propju fl-aħħar ċena, meta Kristu ta l-kmand u s-setgħa lill-Appostli tiegħu li jiċċelebraw l-Ewkaristija, għaliex qalilhom " agħmlu dan b'tifkira tiegħi" ( Lq 22,20). Skond ix-xhieda ta' l-Appostlu San Pawl (I Kor 11, 26 ) "Kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej, sa ma jiġi"; din it-tifkira, permezz taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, kellha tibqa ssir sa l-aħħar taż-żminijiet, sa meta Kristu jerġgħa jiġi fid-dinja. Dan ifisser li fil-Knisja jibqa jiġi mġedded, sa tmiem is-sekli l-għemil tal-għaġeb li għamel Hu fl-ikla tal-aħħar. Għalhekk meta aħna niċċelebraw il-quddiesa, nagħmlu t-tifkira tal-Mulej u nġeddu s-sagrifiċċju tiegħu.

**FOLKLOR GĦAWDXI**

***Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...***



*drawwiet missirijietna*

© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Id-Disgħa u Tletin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## *IS-SILLA*

F'Għawdex is-silla tikber abbundanti kullimkien, l-iżjed fuq l-isinda max-xaqlibiet tal-għoljiet fejn l-art hi taflija u l-ħamrija żejtnija. Is-silla tinżera' f'Awissu, wara Santa Marija. Dari, wara ż-żrigħ, il-bdiewa kienu "jħarbxu" l-għalqa fejn tkun inżergħet is-silla billi bil-moħriet tal-bhima, jaħartu bosta raded imbegħdin minn xulxin xi pied u nofs. Dawn ir-raded kienu jaħartuhom "fuq ġenb" matul il-għalqa kollha kontra kif tkun taqleb l-art biex l-ilma tax-xita jżomm ġo fihom u ż-żerriegħa ma titkaxkarx 'il barra.

Is-silla tinżera' daqshekk kmieni biex iż-żerriegħa tagħha, li għandha qoxra iebsa, tilħaq titherra bin-nida u hekk tkun tista' tinbet aktar bil-ħeffa u bla tbatija. F'Għawdex ħafna silla tinbet weħidha. Wiċċ silla li ma jinħasadx idum erba' snin jagħti s-silla bla ma jkollok bżonn tiżra' kull sena. Dan jiġri għax iż-żerriegħa mhux kollha titherra l-istess, u għalhekk, tinbet fi snin differenti.

Fi Frar u Marzu, is-silla tkun kibret mhux ħażin, skond ix-xita li tkun għamlet dik is-sena, imma tkun għadha tarja wisq biex tinħasad. Hemm żewġ kwalita', il-"ħelwa" u l-"morra", imma z-zokk tagħhom it-tnejn jista' jitqaxxar u jittiekel min-nies. Dawn iz-zkuk tas-silla tarjin f'Għawdex jissejħu "l-imgħasel" flok "imgħaseb". Magħseb huwa zokk irqiq ta' xitla jew fjura.

### *Meta tilħaq u tinħasad*

Is-silla tilħaq fix-xahar ta' April u tinħasad ħadra, meta l-warda tagħha tkun fl-aqwa tagħha. Dari, is-silla kienu jaħsduha bl-idejn, bil-"minġel" li jkun bħal sikkina kbira ġejja fit-tond. Imbagħad titħalla mimduda fl-art biex tinxef. Wara li tinxef mhux ħażin, tintrabat f'qatet. Silla nofsha niexfa tissejjaħ "silla moxxa". Dawn il-qatet il-bidwi jorbothom bl-"irbat" (waħda tissejjaħ "irbata") taż-żara' li jkun refa' apposta mis-sena ta' qabel (minn ta' għamnewwel) wara d-dries tal-qamħ u x-xgħir. Kull tmien qattiet jagħmlu "ħemel". (F'Malta kull għaxar qattiet jagħmlu ħemel). Il-bdiewa jiġbru s-silla fi ħmiel biex ikunu jafu eżatt kemm għandhom u b'hekk, jekk xi ħadd jisraqhom, jindunaw mill-ewwel. Dan iħaffef ukoll in-negozju, jekk il-bidwi jkun irid ibigħ is-silla. Barra minn hekk is-silla titħalla titrewwaħ u tinxef ftit ieħor. Meta xi silla kienet tixxarrab bix-xita, il-bidwi kien jieħu ħsieb iqallibha biex tinxef sewwa.

F'Mejju, imbagħad jiġbru l-ħmiel f'munzell fil-għalqa stess jew fuq xi bejt baxx ta' xi remissa jew razzett. Fi gżiritna l-munzell ikun mibni b'sengħa kbira u jkollu għamla ta' piramida. Mhux l-imniezel kollha kienu jkunu ta' l-istess daqs. Għalhekk, il-bażi tal-munzell kienet issir kbira skond kemm il-bidwi jkollu ħmiel li se jiġborhom f'munzell. L-ewwel qatt tas-silla lanqas ma kien jitqiegħed fl-art biex ma jixrobx l-indewwa (umdita') u s-silla titherra, imma kien u jqegħduhom fuq iż-żraġen tad-dwieli jew fuq il-ġebel tas-sejjiegħ biex tgħaddi l-arja. Fuq nett igħattuh b'xi liżar tax-xkejjer jew ta' l-inċirata, u ġie li anki jpoġġu xi kantun biex il-munzell iżomm sod u ma jtajrux ir-riħ.

Id-dehra ta' l-imniezel tas-silla fl-egħlieqi Għawdxin qanqlet lill-poeta tagħna, Ġorġ Pisani, biex jikteb dawn il-versi sbieħ dwar il-bżulija tal-bdiewa ta' gżiritna:



*Telgħu l-imniezel tas-silla*
*piramidi mibnija*
*għall-kobor tax-xogħ'l u bżulija,*
*tifkira mill-aktar sabiħa*
*ta' ġranet jixegħlu bid-dija*
*tal-hena, tal-ferħ u tas-saħħa*
*li ġġib ir-rebbiegħa.*

### *Għaliex isiru l-imniezel?*

Għaliex isiru dawn l-imniezel? Hemm diversi raġunijiet: l-ewwel nett, biex is-silla tkompli tinxef qabel ma jdaħħluha fid-"dar tat-tiben" jew għorfa kbira fir-razzett fejn jaħżnu s-silla u t-tiben; it-tieni, u l-iżjed importanti, għax meta s-silla tinġabar f'munzell, il-qatet jirtassu u jilbtu bit-toqol tal-munzell. B'hekk, meta jinħażnu fid-"dar tat-tiben" jieħdu wisa' jew spazju inqas u jitqiegħdu f'posthom b'aktar ħeffa u galbu. Raġuni oħra hija din: Meta, imbagħad, il-bdiewa jiġu biex iqattgħu s-silla fuq il-"minġla" (xafra bis-snien magħmula lokalment, li għandha sura ta' felli tal-bettiħ u li teħel mal-ħajt biex tkun tista' tintuża), billi s-silla tkun marsusa, isibuha aktar faċli biex jagħmlu dan.

Illum is-silla qiegħda tinħasad u tinġabar f'balal maħdumin bil-magna. Dan il-metodu mekkanizzat, għalkemm ħaffef ix-xogħol, u naqqas it-tbatija, bil-ftit il-ftit qiegħed jeqred id-drawwiet qodma u folkloristiċi marbuta mal-ħsad, il-ħażna u l-użu tas-silla bħala magħlef għall-bhejjem fil-gżira Għawdxija. Bħal kull ħaġa oħra, f'dan il-każ, il-progress qiegħed iħedded drawwiet antiki li ilhom jintirtu minn ġenerazzjoni għal oħra għal eluf ta' snin. B'għafsa ta' qalb ikollna ngħidu li llum is-silla tilfet ħafna mill-importanza li kellha dari bħala magħlef u lanqas biss għadha tinżera'.

# IL-KAPPAR

## *Xitla selvaġġa ta' valur*

Ix-xitla tal-kappar f'Malta u Għawdex tikber selvaġġa weħidha, qalb il-blat, mas-sisien, mal-ħitan tas-sejjiegħ, u fil-fili u x-xquq tas-swar li jdawru l-bliet u l-kastelli tagħna, mingħajr kura, tidmil jew żabra. Safejn naf jien, għalkemm f'Malta saru xi tentattivi biex il-kappar jitkabbar kummerċjalment, f'Għawdex dan ix-xogħol qatt ma sar. Għalhekk, ma nistgħux ngħidu li l-kappar hu xi wiċċ li jitkabbar mill-bdiewa tagħna.

Iżda n-nies tal-kampanja Għawdxija kollha jafu x'valur għandu l-kappar biex iħawwar l-ikel. Għalhekk jiġbruh fi qliel, qnanet, vażetti u reċipjenti oħra, jagħmluh fis-salmura u l-ħall, u jużawh matul is-sena. Iż-żejjed ibigħuh. Il-ġbir tal-buttuni u ż-żigrombli tal-kappar isir fit-tliet xhur bejn San Ġorġ u Santa Margerita (23 ta' April u l-20 ta' Lulju). Il-buttuni jkunu l-blanzuni tal-kappar għadhom ma fetħux il-warda, fil-waqt li żigrombli jkunu l-fosqiet taż-żerriegħa li jkunu għadhom ħodor.

Jingħad li l-kappar tnissel fl-Ewropa tal-Lvant minn xi kolonji Griegi. Sa qabel il-Gwerra, Franza weħidha kienet taħdem iżjed minn miljun kilo kappar fis-sena li kienu jimlewh fi fliexken apposta u jesportawh għal pajjiżi oħra. Infatti, fi Provenza, fi Franza, ilhom ikabbru l-kappar minn żminijiet li ma jiftakrux. Hemmhekk kienu jsejħulu Tapenier mill-kelma Griega Tapenos li tfisser umli. Hawn min ukoll inissel il-kelma 'kappar' mill-kelma Persjana 'kabar'. Fi Franza t-tkabbir tal-kappar għadu jittieħed b'serjetà kbira u nsibu qatgħat kbar fl-inħawi ta' Rouche-de-Rhone u f'naħiet oħra ta' l-Alpi Marittmi mħollija għall-biedja tal-kappar.

### *Il-biedja tal-kappar*

Il-kappar hi pjanta perenni, jiġifieri żżomm iżjed minn staġun wieħed. Hemm tliet varjetajiet ta' kappar, waħda minnhom mingħajr xewk bħall-kappar ta' dawn il-gżejjer. Il-pjanta tal-kappar tikber biss f'pajjiżi sħan, u għalhekk titlob post kenni u mhux milħuq mir-riħ, u fl-istess ħin jeħtieġ li jkun xemxi. F'post delli ma tmurx tajjeb.

Ix-xitla tal-kappar taddatta ruħha għall-post li tkun, tmur tajjeb ukoll fi trab ħażin, imbasta jkun ħafif. Tmur tajjeb ukoll fis-saqwi, imma l-prodott tas-saqwi m'hux stmat għax ma jkollux togħma tajba. Trab kiesaħ, u li jżomm l-ilma, u li jagħqad m'hux tajjeb għall-kappar.

Il-kappar jista' jitnissel biż-żerriegħa, bil-biċċa, bit-

tirqid, bit-taqsim tal-għeruq u bit-tilqim. Iż-żrigħ jista' jsir bejn Marzu u April, imma m'hux ta' min jirrakkomandah għax hu proċess twil biex tlaħħqu għall-prodott. Is-sena ta' wara trid tqassmu f'post usa', u mbagħad jista' jitħawwel fil-post is-sena ta' wara. Meta jerġa' jinqala', wara t-tieni sena, jrid jinqala' b'kura kbira, u bit-tuba, għax inkella l-pjanta ma tiġix 'il quddiem.

It-tnissil bil-biċċa huwa aħjar, għax il-pjanta tgħaddi 'l quddiem malajr.

Biex nagħmlu t-tirqida, il-pjanta titqaċċat minn fuq iz-zokk il-kbir. Imbagħad tarmi ħafna żraġen twal. Dawn iż-żraġen jiġu mgħottija bit-trab u jxenxlu malajr. Is-sena ta' wara jkunu jistgħu jinqatgħu minn ommhom u jitħawlu għalihom.

It-tqassim tal-għeruq hu wkoll ħaġa ħafifa, u billi l-pjanta hi waħda minn dawk li jagħmlu għadd kbir ta' għeruq, dan ix-xogħol jista' jsir mingħajr tbatija.

Fir-rebbiegħa jinkixfu l-egħruq billi wieħed ineħħi l-ħamrija bil-mod il-mod minn fuqhom u minn madwarhom, u bil-għaqal kollu wieħed għandu jifred l-egħruq u kull pjanta hekk mifruda għandha titħawwel għaliha. M'għandhomx jitħallew fil-wiċċ iżjed minn tlieta jew erba' għajnejn.



Il-varjetà ta' kappar bħal tagħna (bla xewk), tista' titlaqqam bil-feles fuq il-kappar tax-xewk.

Meta naslu biex inħawlu x-xitel tal-kappar, sew mit-tirqid u kif ukoll mit-tifrid, tal-għeruq, għandna qabel xejn nlestu l-art billi nagħżquha sewwa. Imbagħad inħaffru ħofor daqsxejn wesgħin, u f'dawn l-istess ħofor inħawlu x-xitel u ngħattuh bl-istess trab li nkunu qlajna mill-ħofra wara li nħalltu ftit demel irqiq miegħu. Ras il-għerq tax-xitla għandu jkun sewwa sew ma' wiċċ it-trab.

Il-pjanta tal-kappar tmur wisq aħjar jekk tinżabar. Il-vera żabra għandha ssir darbtejn: żabra twila fil-ħarifa, u żabra ħafifa fir-rebbiegħa.

Dawk il-pjanti li jikbru fis-swar u mal-ħitan ma tantx jintmessu u la mill-insetti u lanqas mill-mard, iżda l-pjanti kkultivati fir-raba' kultant jintmessu minn marda tal-mell u minn insett.

Hemm ħafna nħawi fil-kampanja, taħt il-ħitan u f'postijiet li m'humiex tajbin għall-kultivazzjoni ta' pjanti oħra, fejn wieħed jista' jnissel ftit xitel tal-kappar li jħallu qligħ mhux fitit. Kif rajna minn dak li għidna, il-kappar ma jdumx ma jibda jagħti prodott. L-aqwa prodott jilħaq fil-ħames jew sitt sena u jkompli għal żmien twil, ukoll għal ħamsin sena. Kull pjanta tal-kappar tagħti minn tliet kwarti ta' ratal sa erbat artal kappar.

Il-ġabra tal-kappar ma titlob ebda taħbit. Issir fis-sajf min-nies jew mit-tfal tal-bdiewa. Il-blanzuni jew buttuni ż-żgħar huma stmati iktar mill-kbar.

## *Kif tippreserva l-kappar*

Wara li wieħed jaħslu sewwa, wieħed jista' jippreserva l-kappar fis-salmura, jiġifieri fl-ilma mielaħ. Il-kappar irid ikun imgħotti kollu fl-ilma mielaħ. U tajjeb li n-naħa ta' fuq wieħed iżid naqra oħra melħ mill-bqija.

Wieħed jista' jippreserva wkoll il-kappar fil-ħall. Biex wieħed jagħmlu fil-vażetti, ir-regola hi li ma kull nofs wiżna kappar tħallat miegħu żewġ litri ħall. Il-ħall jeħtieġ ikun ta' kwalita' tajba, inkella l-kappar jitħassar. Għalhekk għandek tagħmel ħall sakemm il-kappar jitgħatta tajjeb. Jekk tħalli kappar mhux imgħotti bil-ħall fil-wiċċ, dan jimmoffa u jħassar it-togħma tal-kappar kollu.

*(Jissokta)*


**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



**gozo press**

Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look

*Sharmain's Styling Salon*

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

# Xerri l-Bukkett



*Bar*
*Restaurant* *Pizzeria*

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

# HILITE

HARDWARE STORE

**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**

*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# Home Decorations

* *Specialising in Gypsum wall partitions*
* *Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles*
* *PVC Wall Panelling*
* *Interior Painting*

For Free Home Estimates
*Call* **Frank Azzopardi**
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**

- Spare Parts
- Batteries
- Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073


**GRAZZI LIL DAWK LI JIRREKLAMAW FIR-RIVISTA TAGĦNA.**

*Nirrikmandaw il-prodotti jew servizzi tagħhom lill-qarrejja tagħna, waqt li nappellaw lil aġendi oħra biex jgħinuna bir-reklamar tagħhom.*




# 8. Postijiet ta' interess fil-Qala





Essay ta'
Maureen Cauchi
mill-Qala

**Il-Qala huwa raħal ċkejken fejn wieħed għadu josserva b'għożża u b'interess il-fdalijiet preistoriċi li jinstabu madwar dan ir-raħal. Dawn jixhdulna li eluf ta' snin ilu f'dan ir-raħal ċkejken diġa kien jgħammar il-bniedem.**

Fil-bidu tar-raħal, qrib l-iskola tal-gvern, insibu l-Ġebla l-Wieqfa. Il-leġġenda popolari tgħidilna li meta f'pajjizna kellna n-nies li bnew tempji kbar bħall-fdalijiet li nsibu fil-Ġgantija u f'Ħaġar Qim, kien hawn mara li ġarret din il-ġebla fuq rasha mill-għolja ta' Sannat sar-raħal tal-Qala.Kif waslet fil-post, poġġietha f'witja qalb l-għelieqi fejn kienet tirgħa il-bhejjem tagħha.Din il-mara ġganta, kienet toqgħod bil-qiegħda fuq din il-ġebla waqt li l-bhejjem tagħha kienu jirgħu.



**Il-Ġebla l-Wieqfa** hija għolja madwar ħdax-il pied u wiesa' sebgħa fil-bażi tagħha.Għandha forma piramidali peress li aktar ma togħla aktar tidjieq.Fis-sena 1929, sfortunatament il-quċċata tagħha ġiet mimsusa. Dan għaliex wieħed bidwi ried bilfors ifarrakha, iżda sid ir-raba', biex isalvaha, tella' fuqha statwa ta' San Ġużepp.Fis-sena 1933 Sir Temi Zammit, li kien kuratur tal-Fdalijiet Qodma, ġie jżurha u l-idea ta' l-istatwa fuqha m'għoġbitux u naturalment wara li mar lura ħa l-passi meħtiega biex titneħħa.Fil-fatt sena jew tnejn wara, l-istatwa ta' San Ġużepp tneħħiet minn fuq il-Ġebla l-Wieqfa u tpoġġiet fuq pedistall għoli ftit 'il bogħod minnha fejn għadha sa llum.Għalkemm dan iż-żmien, il-Ġebla l-Wieqfa ġiet ftit moħbija bejn il-bini ta' madwarha xorta waħda ħafna nies barranin u studjużi tal-arkeoloġija jiġu jarawha biex jistudjawha.

Post iehor ta' interess fil-Qala li wiehed ghandu josserva fi triqtu lejn Ħondoq hija l-**Knisja Tal-Blat** li hi mibnija fuq sidra għolja ta' blat żonqri. Din il-kappella hija ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Għalkemm hija mwarrba u fiha ma jsirx quddies regolari, ma jfissirx li hija abbandunata. Ħafna nies iżuruha, huma u nieżlin lejn Ħondoq ir-Rummien jew biex jattendu xi quddiesa bħala ringrazzjament għal xi grazzja li tkun giet maqlugħa. L-isem li ngħata lil din il-



kappella, "tal-Blat", aktarx ġej mill-fatt li, skond kif jingħad, il-ġebel li bih hi mibnija din il-kappella hu, fil-biċċa l-kbira, blat żonqri.

Ħaġa oħra li tiddomina r-raħal tal-Qala hija l-mitħna tar-riħ magħrufa bħala l-**Mitħna ta' Randu**. Din tinsab fi Triq il-Mithna stess. Dari l-imtieħen kienu indispensabbli f'dak li kellu x'jaqsam mat-tħin u l-ħażna tad-dqiq f'pajjizna.Il-qamħ kollu, kemm dak li kien jigi miġbur mill-għelieqi tal-madwar u kemm dak il-qamħ li kien jinxtara minn barra, ried bilfors jgħaddi minn taħt il-ġebla tal-mitħna biex isir dqiq. Sfortunatament, mal-miġja tal-magni tad-dqiq, il-ħtieġa ta' l-imtieħen tar-riħ bdiet tonqos u waħda wara l-oħra kollha bdew jieqfu mill-ħidma fejjieda tagħhom, sa ma kien għad fadal biss din tar-raħal tal-Qala.Din għadha tinsab f'kundizzjoni tajba, bis-saħħa tal-gvern. Meta kienet għoddha waslet biex tieqaf, sar ftehim ma' sidha u l-gvern tah sussidju ta' erbgħa u għoxrin lira fis-sena bil-kundizzjonijiet li jżommha tajjeb u jħalli l-bieb miftuħ għat-turisti u għan-nies li jkunu jridu jżuruha. Din il-mitħna tattira ħafna turisti għax fiha kellha x-xorti li tilqa' bosta gvernaturi, armiralli u nies ta' livell għoli waqt iż-żjarat tagħhom f'Għawdex. Fis-sena 1962, din il-mitħna kienet ġarrbet ħsarat kbar wara maltempata qawwija. Fuq talba tas-sid, li talab lill-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex għal għajnuna, dan il-kunsill ħallas is-somma ta' mitt lira sterlina għall-ispejjeż tat-tiswija. Dan il-fatt juri li kemm hija għal qalb kulhadd din il-mitħna unika f'Għawdex.

Dawn huma tliet postijiet ta' interess li għad fadlilna fir-raħal tal-Qala. Allura wieħed għandu jkun kburi u japprezza l-ħidmiet ta' missirijietna billi jżur dawn il-postijiet u jgħożżhom bħala wirt folkloristiku u storiku ta' art twelidna.



# XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



ID-DEVOT TA MARIA

KARI MALTI TA CULL XAHAR

Min isib Lili isib il ħaj ja, u jakla is-saħħa min ghand Alla. Prov: VIII. v: 35.

Min irid jissieħeb ihallas tmen soldi cull sit aughur. Il kliem imur ghal Madonna ta Pinu.

Leuuel Sena. Ghaudex 1887. N. 1. Decembru.

LID-DEVOTI TA MARIA

Il fini li ghalih seirin natu bidu lil dan il Kari hua:

1. Leuuelnet biex inxerdu dejem izied fil Gzeior taghna id-devozioni u l' imħabba lein l'Omm ta-ghna Maria.

2. Fit tieni loc sabiex incomplu ix-xeuka ta bosta min Malta u Ghaudex li talbuna uisk drabi li jaqrau migjub fil lsien taghna malti dach li jinkara "fil *Messaggiere di Maria*" fuk bosta u sbieħ grazzi li keda continuament taghmel maghna il *Madonna ta Pinu* ivvenerata bi gbira devozioni fedin il gzira ta Ghaudex.

3. Fit-tielet loc sabiex ngħarfu lil mseħbin fedan il Kari ir-regali u il pellegrinaggi, li saru u li ma tul ix-xaħar ir irj fil Cnisia tal Madonna li sem...eina,

# Mons Alwiġ Vella (1859-1928)

## 5. L-istampa t-tajba

Dun Alwiġ ta' Savina emmen kemm felaħ bil-ġid li jista' joħroġ mill-kitba. U għalhekk ħadem kemm felaħ biex iforni lill-poplu b'materjal siwi.

Forsi wieħed jistaqsi. Liema xeħta ta' kitba kellu Dun Alwiġ? Difatti kien kittieb għall-poplu u kien jitkellem bil-lingwaġġ ħafif li kulħadd jifhmu. Ħsiebu kien li jwassal il-messaġġ nisrani b'diversi manjieri u modi.

Inqeda bir-Rumanz storiku-reliġjuż biex jgħallem. Dawn juri kemm Dun Alwiġ kien intiż fl-istorja u kemm kellu sengħa biex joħloq storja li tkun b'tagħlima. Fost dawn il-kotba nsibu; Il-Ħajja ta' San Ġorġ Martri, Ewfrosina, Fernadu Montagnes, Fjur il-Martri – Vittma Tenera ta' Ġesù, Lisa – Bint il-Ħakem, Alessju jew Martirju ta' Qalb Nisranija, Bernad Dopuo – Fatt Għawdxi fi żmien D'Omedes u Nikol Għabdul.

L-iskop ta' Dun Alwiġ kien pastorali. Huwa stess fissru b'dan il-mod: "Il-fini li għalih qiegħed inġib fil-qari tiegħi "Id-Devot ta' Maria" rakkonti sbieħ u ta' pjaċir lil min jaqrahom mhux biss sabiex iservu ta' mogħdija ta' żmien lill-imseħbin u lil min jaqrahom, imma fuq kollox sabiex bl-eżempji tajba li naraw f'dawn ir-rakkonti ninġibdu lejn il-virtù u nagħrfu naħarbu l-vizzji, għaliex f'dan biss tikkonsisti l-paċi, l-hena u l-kuntentizza tagħna f'din id-dinja".

Dun Alwiġ wassal il-ħsibijiet tiegħu wkoll permezz ta' ħajjiet ta' qaddisin jew ta' persuni b'fama ta' qdusija. Dawn ippubblikahom biċċa biċċa f'"L-Eucaristija". F'dan il-folju kiteb anki ħafna fuq l-Ewkaristija. Inqeda wkoll bil-poeżija biex jesprimi ruħu. Infatti ħallielna 88 poeżija.

Barra dawn il-kotba Dun Alwiġ għandu kotba ta' meditazzjoni u talb. Dawn juri l-imħabba tiegħu lejn Alla, u l-ispirtu meditattiv tiegħu. Meta taqrahom tħoss li waqt li kien jikteb kellu għajnuna mis-Sema. Dawn huma l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu li jikkonsistu fi tnax-il ktieb jiġifieri wieħed għal kull xahar, u r-Ruħ Nisranija kuddiem Ġesù Sacramentat f'żewġ taqsimiet. Ta' min ifakkar li l-ewwel wieħed kien jintuża għall-meditazzjoni f'ħafna komunitajiet reliġjużi ma' Malta u Għawdex u t-tieni wieħed għall-adorazzjonijiet. L-ewwel Ktieb ta' r-Ruħ Nisranija reġa ġie stampat fl-1960 u fl-1996 reġgħet dehret edizzjoni bl-ispanjol fi Buenos Aires fl-Arġentina bl-isem "El Alma Cristiana ante Jesùs Sacramentado".

Ippubblika wkoll librett "Via Sacra ma' Ġesù Sacramentat" kif ukoll novena lil San Ġuda Taddew. Dan għamlu f'librett ieħor "Novena ta' Talb għad onur ta' l-Appostlu S. Giuda Taddeu". Għalhekk Dun Alwiġ huwa kittieb ta' spiritwalità profonda.

Kien ukoll kittieb ta' l-istorja. Kiteb "Storja tal-Cnisja ta' Savina ta' Għawdex" kif ukoll Storja tal-Gżira Għawdxija li ma ġietx ippubblikata.

L-isem ta' Dun Alwiġ jibqa' bħala dak il-bniedem li għamel il-ħila kollha tiegħu sabiex iwassal il-messaġġ nisrani.

*(Din is-sensiela hija msejsa fuq il-ktieb Dun Alwiġ ta' Savina miktub minn Mons. Anton Gauci. Min jixtieq jixtri kopja jirrikorri għand l-awtur).*

***Angelo Xuereb***









### *Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet fuq l-Ewkaristija*

Il-Knisja hi konvinċenti biss meta xxandar lil Kristu, qal Benedittu XVI fil-ftuħ ta' l-ewwel Sinodu ta' l-Isqfijiet tal-pontifikat tiegħu. Il-Ħadd, 2 ta' Ottubru, Benedittu XVI mexxa quddiesa sollenni fil-Bażilika ta' S. Pietru li fiha kkonċelebraw 55 kardinal, seba' patrijarki, 59 arċisqof, 125 isqof u 40 qassis. Huwa ppreżenta l-linji gwida għas-sessjonijiet tas-sinodu, li fih qed jieħdu sehem 256 isqof minn 118 pajjiż differenti u qed jiffoka fuq is-suġġett: "L-Ewkaristija, Għajn u Qofol tal-Ħajja u tal-Missjoni tal-Knisja." Fit-23 ta' Ottubru, jagħlaq is-Sinodu flimkien mas-Sena ta' l-Ewkaristija.

### *Il-Gvern tal-Vjetnam jiftaħ l-aċċess għas-Seminarji*

Is-servizz ta' l-aħbarijiet *Fides* ħabbar li l-Gvern tal-Vjetnam ta l-permess biex is-Seminarju Kattoliku f'Hanoi idaħħal studenti ġodda din is-sena. Qabel, il-permess kien mogħti lis-seminarju biex jammetti studenti ġodda kull sentejn u n-numru ta' l-istudenti kien ristrett. Is-seminarju ta' Hanoi hu importanti għax iħejji studenti għal għaxar djoċesijiet differenti fil-Vjetnam. Hu l-ikbar fost is-sitt seminarji tal-pajjiż, li lkoll affaċċjaw restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' studenti li tħallew idaħħlu. Skond *Fides*, il-bidla fil-*policy* tal-Gvern hi r-riżultat ta' djalogu pazjenti u relazzjonijiet aħjar bejn l-awtoritajiet politiċi Vjetnamiżi u l-Vatikan.

### *Il-Kostituzzjoni Iraqqina*

Il-Patrijarka ta' Bagdad għall-Kaldej qal lil uffiċjali Iraqqini bil-biża' tal-Kattoliċi li d-draft tal-kostituzzjoni "tiftaħ il-bieb beraħ" għad-diskriminazzjoni kontra l-insara u persuni oħrajn mhux Musulmani. F'laqgħa mal-president u l-prim ministru ta' l-Iraq, il-Patrijarka Emmanuel III Delly talab biex fl-aħħar minuta tinbidel il-kostituzzjoni, li l-isqfijiet jgħidu li tikkontradixxi lilha nnifisha fuq il-kwistjoni wisq importanti tad-drittijiet reliġjużi tal-minoranzi. Fil-15 ta' Ottubru, għandu jsir referendum dwar il-kostituzzjoni.

### *Suċċess Editorjali*

Fl-Italja, fix-xhur ta' Lulju u Awissu inbiegħu 625,000 kopji tal-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (*San Paolo Edizioni*, 208 paġni b'illustrazzjonijiet, Euro 9,50). Dan il-kompendju riedu Ġwanni Pawlu II u ġie realizzat minn Benedittu XVI. Fih ġabra fil-qosor tal-fidi kattolika, permezz tat-teknika ta' mistoqsija u risposta.

### *"Martri" ħaj mill-Albanija*

Fost is-26,000 pellegrin għall-Udjenza Ġenerali tal-Erbgħa, 21 ta' Settembru li għadda, kien hemm Mons. Zef Simoni, ta' 77 sena, ex-Isqof awżiljarju ta' Shkoder, li sofra l-persekuzzjoni tar-reġim komunista fl-Albanija. Qal: "Kont magħluq għal tnax-il sena fil-kamp ta' Spac, ħabs li tista' tipparagunah mal-kamp nażista ta' Mauthausen. Kien qrib żona minerarja, li fiha d-detenuti kienu mġegħla jagħmlu xogħol bla waqfien u perikoluż. Ħafna, infatti, mietu. Mons. Simoni ġie ordnat isqof minn Ġwanni Pawlu II fil-25 ta' April 1993, waqt pellegrinaġġ papali fl-Albanija li seħħ wara l-kisba tal-libertà reliġjuża fl-4 ta' Novembru 1990.

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

## Għawdxin li għadna niftakru - 28 — Minn Pawlu Mizzi

# NINU CREMONA



Ma kenux artikli! Nikteb u noħlom. U iktar ma nikteb iktar noħlom. U iktar inħossni nixxennaq għaż-żmien li kabbarni!

Imma xi żmien kien dak ta' ħdejn l-ispringbord! Bil-malja tal-faxxi, naqbeż ħofra wara oħra; ninnamra, nittanta x-xemx għaddejja. Imbagħad sirt *teacher*! U bdejt nagħmilha ma' nies ikbar. Ilkoll ukoll itwal!

Wieħed biss niftakar iqsar. Mhux dejjem kien jersaq ħdejna. Daqsxejn ta' xwejjaħ, aktarx mistħi. Milwi u mħatteb qisu esse. U b'qalziet mġebbed fuq żaqqu b'ċingi bħas-sinjuri ta' dari.

Ma ninsihx!

Il-manjieri tiegħu laqtuni. Għax dejjem moħħ ħsieb bħali. Jimxi kajl kajl, jkaxkar nofs siequ ma' l-art, jitbandal, sa jaqa' u ma jaqax, kultant iħares u jitbissem. Kien jieħu r-ruħ jarani quddiemu.

'Hawn,'qalli darba, 'tgħallimt nagħmel it-tijatrin!'. U ftit wara kemm kemm nisimgħu reġa' qalli: 'Ma kienx 'Spazzacamino'!' Imbagħad donnu siket u wara ftit wara reġa' qalli: 'Imma 'Id-Duka ta' Norfolk' kienet l-ewwel! Imma, kemm praspar konna nagħmlu!'

Ħallejtu jirrakkonta. Anke jien kont nirreċta. U bħalu kont nagħmel praspar!

L-ewwel ġibdiet tiegħu għall-palk kienu l-kartelluni ta' Tunes. U tiegħi l-makkjetti ta' Ċensu Cordina. Qalli li biex joqgħod iħares lejhom kien jaħrab mill-iskola. U jien biex nisma' lil Ċensu kont nixxabbat mas-siġra ta' l-iskola!

Imbagħad meta reġa' lura Malta l-ispettakli tal-palk f'San Ġiljan komplew xegħlulu ruħu. U minn hemm nibtet l-ewwel imħabba għall-kitba tal-Malti.

'Hawn, imma! Hawn! Fuq dan il-blat bdejt!' kompla qalli. 'Minn hawn bdejt! U f'Ta Karawendu ma' Ġużeppi Mejlak, il-Ġeżwita tas-Sabieħa! Min jaf kemm ippruvajna u akklamajna monologi tad-'Duka ta' Norfolk'!'

Kont niggustah! Qisu d-direttur ta' Covent Garden jirreċta bis-serjetà ta' tifel il-partijiet li kellu fis-*Secolo* ta' San Ġiljan!

Imbagħad f'daqqa b'subgħajh urieni dar fit-triq fuq ir-riħ tal-banju ta' l-isqof.

'Konna hemm,' qalli, 'fid-dar ta' oħti Tereż meta għamilna dan l-imbierek dramm tad-'Duka ta' Norfolk'. Imbagħad, f'daqqa l-bieb ried jinqala' bit-tisbit u ftit wara waslu l-pulizija u r-reċta kellha tieqaf ħesrem'.

Kont iltqajt l-ewwel darba ma' dan Ninu Cremona f'nofs is sittinijiet. Għand il Prof. Sant Ħal Tarxien. Kont, dak iż żmien, għadni fil-bidu tal-Klabb Kotba Maltin u konna qed niddiskutu l-ortografija uniformi ta' l-Għaqda. Ninu qagħad sieket jisma'. Imma, meta nduna li kont minn Għawdex qalli: 'Jalla jirnexxilek. Aħna l-Għawdxin ma naqtgħux qalbna.'

U wara li telaq Prof Sant qalli l-istorja ta' Ninu: 'Trabba orfni, miskin! Lil missieru tilfu żgħir. Kellu bilkemm ħames snin. Imbagħad zijuh Akilli ġabru miegħu Tunes, iżda, wara ftit snin reġa' lura Għawdex m'ommu u ħutu l-Mandraġġ. B'riħet iz-ziju t'ommu, l-isqof Pietru Pace, daħal is-seminarju, imma, ftit wara mar Malta f'tas-Sliema ma' żewġ ħutu bniet jgħinhom fl-iskola li kienu fetħu.

'Fl-iskola kien brillanti. Jixrob dak li jisma'. U kien jistudja kemm jifla biex isir nutar. Għax, kif kien ta' spiss jgħid hu stess, 'aħna razza ta' nutara u avukati'. Imma, meta ġie biex jidħol l-università l-mezzi ma ppermettulux u kellu jfittex impieg mal-Gvern.

'L-ewwel beda bħala *store-keeper* fl-isptar tal-Furjana, imbagħad għamel eżami u sar spettur sanitarju tal-prima. Minn hawn intbagħat fuq *scholarship* l-Università ta' Liverpool jistudja l-inġenerija sanitarja.

'B'hekk il-ġamar ta' Ninu għall-istudju,' temm il-Profs, 'reġa' vvampja. Ħasra, imma, li nqabad ġo vampa nar ikbar.'

F'dawk l-ewwel għaxar snin tas-seklu għoxrin Malta kienet għaddejja minn burraxka politika. Minħabba l-kwestjoni tal-lingwa. L-Ingliżi fil-Kunsill-Gvern riedu jwarrbu t-Taljan mill-iskejjel biex floku jdaħħlu l-Ingliż. Il-Maltin biex isibu kompromess iddeċidew li jgħallmu l-Ingliż u t-Taljan flimkien b'sistema ta' paripassu. L-Ingliżi, imma, flok it-Taljan riedu l-Malti biex it-Taljan jibqa' barra. Il-Maltin żammew iebes u fl-1903 il-Gvern Ingliż ħadilna l-Kostituzzjoni. Bi tpattija l-kunsillieri Maltin ma ridux jidħlu għal-laqgħat tal-Kunsill tal-Gvern. U biex iktar ifixklu uħud irreżenjaw. U reġgħu rreżenjaw meta n-nies reġgħet tellgħethom fl- elezzjonijiet. U reġgħu rreżenjaw. U b'hekk ir-riformi fl-iskejjel ma għaddewx.

Kienet politka ta' taħwid. Astensjoniżmu li ħarbat il-patrijottiżmu tal-Maltin. Għax qasamhom bejniethom u dawk il-Maltin li kienu jħobbu l-Malti żammew ma' l-Ingliżi waqt li l-oħrajn, l-iktar il-professjonisti u l-ekkleżjastiċi li kienu jridu t-Taljan, żammew kontra.

Terġa', mhux kulmin kien iħobb il-Malti kien ta' l-istess fehma. Min ried is-sistema tax-Xirka Xemija (1881) u min ta' l-*Accademia Filologica Maltese* (1840). Biex il-Malti ma jbatix Ġanni Vassallo, li wara ġie joqgħod il-Vajrinġa, ħareġ *Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija* b'alfabett xi ftit differenti. Fuq is-suġġeriment tal-Kumitat Awturi Maltin (1893), imma, il-Gvernatur Ingliż għażel l-ortografija tal-*Accademia Filologica Maltese*.

Lil Ninu Cremona dil-qasma bejn il-Maltin nikktitu. Imma ma fixklitux. Ninu ma kellux partiti. Għalih, bħal kull lingwa oħra, il-Malti kien l-għodda biex il-Maltin jikkomunikaw bejniethom u ma xtaqhomx jiġu mxekkla fil-kitba jew fil-qari tiegħu.

*'Għax, 'akk, hekk ma kienx sewwa!'* qalli jhakkak u jxengel rasu, *'Kif, għidlu lil Vassalli, irridu naqtgħu l-ktajjen ta' l-injoranza? Jekk, 'akk, bl-ittri li vvinta ma jkunx hemm Maltin li jakrah?'*

U f'kemm trodd salib urieni x'ittri fl-alfabatt tiegħu kienu diffiċli għall-poplu. U semmieli kif l-awtur, wieħed wara ieħor, ma setgħux jidrawh u biddluh ma' tal-*Accademia Filologica*: Francesco Vella (1831), Luigi Rosato (1839), George Badger (1841) u miegħu s-*Society for the Propagation of Christian Knowledge* (1845), Gio-Batta Falzon (1861), u saħansitra Annibale Preca (1900), il-promutur tax-Xirka Xemija.

Għajjejt nisimgħu. Hekk, imma, kien dan Ninu Cremona! '*Stupor mundi*' Malti. Meravilja ikbar minn Federiku II (1198-1250) tal-Hohenstahfen.

Kellu raġun il-Professur Aquilina jistagħġeb 'kif waħdu u mingħajr edukazzjoni lingwistika formali f'Università waqqaf, b'ħiltu biss, ir-regoli ta' l-ortografija Maltija fuq sisien xjentifiċi.'

Minkejja l-għerf tiegħu, imma, Ninu Cremona, kien moħħu fil-poplu u mhux l-*ego* tiegħu. Għalhekk, fl-1928 kien ippropona lill-Gvern ortografija tal-Malti li ma tkunx tal-Għaqda minkejja li dik kien għamilha hu stess. Ried, imma, dak'*of the Accademia Filologica as outlined by Ġanni Vassallo's* Muftieħ ***which is the best one that could be successfully adopted for practical purposes for the time being***.'

Mhux darba u tnejn kont nistaqsih kif dak iż-żmien kien kontra l-introduzzjoni ta' l-ortografija ta' l-Għaqda u favur l-oħra li kien ħoloq il-Kumitat ta' l-Awturi fl-1893.

'Għax l-esperjenza tgħallmek,' kien jgħidli, 'Napuljun falla f'Malta għax mingħalih seta' jibdel il-Maltin mil-lejl għan-nhar. U l-Ingliżi għadhom sallum ma jistgħux jaqdbu art għax mingħalihom ir-riformi jdaħħluhom bit-tkeskis bejn Fortunat u Savona. Eh il-qattusa għaġġelija dejjem frieħ għomja għamlet!'

Ninu ried bidla fil-Malti, imma, kien konvint li din ma tistax isseħħ jekk ma tieħux il-kors naturali tagħha. Kien hemm pampaluni oħra, wisq ikbar minnu. Ġino Muscat Azzopardi, Preca, Salvu Mamo, Ġanni Vassallo u anke Prof. Saydon. Ħadd minnhom ma rnexxielu. U lanqas l-avukat Micallef tal-Barkuna li kien mgħoddi bl-aqwa orjentalista li qatt kellha Malta. Għalhekk Ninu kien ippropona bidla fi tliet fażijiet: fl-ewwel, perijodu li fih il-Malti jindara bla tfixkil u bl-ortografija li ma kenitx tfixkel il-poplu; fit-tieni, perijodu li fih il-Malti jingħata skop biex jiġi studjat billi jiddaħħal f'eżamijiet importanti mal-Gvern; u fit-tielet, il-perijodu li fih il-Malti jiġi mgħallem fl-iskejjel bħala parti mill-kurrikulum. B'hekk u b'hekk biss, il-bidla setgħet isseħħ, u l-ortografija ta' l-Għaqda tiġi aċċettata.

Ninu Cremona ried li l-poplu stess jinġibed għall-Malti u li jkun waħdu li jiddeċiedi u jagħżel. Darba mar ġiebli l-fajls tiegħu dwar dil-kwestjoni. Qalli: 'Dawn tiegħek. Żommhom int. Ikopru kulma għamilt bejn l-1928 u l-1947,'

Swielu ħafna dak il-pjan tiegħu. Kien hemm min biex jumiljah minn editur nizżlu għal sempliċi skrivan. Fl-1947 sa riedu jneħħuh minn għalliem tal-Malti. Imn'alla kien il-Lt. Governor li daħal għalih. Ma setax jiftakar ismu.

.'U x'jgħidulu? U għidli għidli!' qalli jħokk rasu. 'U x'jismu! U iva...aa...a! Kien ħabib ta' Peppu Belli. U x'kien jismu! U kiteb ktieb fuq Malta! U x'jismu? X'jismu?'

Ma kienx jaqta' qalbu. Bix-x'jismu u x'jgħidulu kien jibqa' jdur mal-kantunieri kollha tal-qarnuniet ta' moħħu. U kif tennejtlu il-kelma 'Sir' qabeż qalli:

'U iva Sir Harry Luke. Dak, fit-*thirty three*, kif l-Ingliżi warrbu lin-Nazzjonalisti – ma ngħidlikx kemm inkwetawni dak iż-żmien meta neħħew l-ittra 'j', u wara l-kelma 'avviż' flok biż-żeta rieduni niktibha bl-esse – Sir Harry Luke kien ħa l-parir tiegħi – tista' tara kopja ta' l-ittra tiegħi fil-fajls li tajtek – u fl-1934 b'*Letters Patent* ordna li fil-Qrati, fl-iskejjel, fl-arkivju tan-Nutara, u f'kull dokument legali jiġi addottat l-alfabett ta' l-Għaqda'.

Kienet storja li min jaf kemm-il darba oħra kont smajtha. wara. Ninu kien sensittiv. Kien jibki meta jwaġġa' u jidħak meta jitgħarrax. Min jifli l-artikli tiegħu fuq 'Vassalli' fl-ewwel ħargiet ta' *Il-Malti* jinduna kemm kien iħoss u kif kien jidentifika t-tbatijiet tiegħu ma' dawk ta' ħaddieħor.

Għax Ninu, bħal Vassalli, kien deċiż f'għemilu. Kien jemmen f'dak li jaħseb u kien jagħmel dak li jemmen. Bla ma jistenna għajnuna jew jordna u jikkmanda. Għax kif kien iħobb jgħid: '*Chi vuole anda chi non vuole manda!*'

Il-pjan li fassal għall-Malti riedu jidħol f'qalb il-Maltin b'imħabba. Għalhekk hu stess ta l-eżempju u fl-1927 mis-Sanità mar jaħdem fl-istamperija tal-Gvern bħala '*Translator and Editor of Maltese Publications*', u wara bħala għalliem fil-klassijiet ta' fil-għaxija u fil-Liceo,

Ninu Cremona, imma, kien iktar minn filologu. Kien *all-rounder*. Kiteb proża u poezija. U kiteb fuq lingwistika, storja u folklor ta' Malta. Beda b'poeżija bit-Taljan.'A Maria Vergine' fl-1897 meta kellu biss sbatax il-sena u kiteb b'kollox 'l fuq minn 200 opra. L-aqwa fosthom il-grammatika *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* I & II (1923/1938).

Għal din il-ħidma tiegħu Malta kollha kienet rikonoxxenti: fl-1947 mis-Soċjetà ta' l-Arti u x-Xjenza, fl-1960 mill-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex u fl-1980 mill-Università ta' Malta.

'Għalhekk ukoll niġi Għawdex', stqarritli Karmen Mikallef Buħaġar. 'Biex nagħtih qima. Min ħadem daqsu biex ilsienna ħa post ta' ġieħ fid-dinja ċivilizzata?'

Kienet bħali tgħożżu din Karmen lil Ninu Cremona.

Jiftakruha tajjeb, il-Kav. Joe Attard u l-istudenti tiegħu, b'liema qima kienet tieqaf siekta quddiem il-monument tiegħu. Ma ninsiehx kliemha fl-aħħar żjara tagħha f'Għawdex ħames snin ilu.

'Karm,' għidtilha, 'xi tkun tgħidlu dal-ħin kollu quddiemu?' Tbissmet. Imbagħad, qabditni minn dirgħajja u bla ma ħasbitha wieġbitni:

*'Li ġibtlu kull kalb Maltija. Bl-għożża kollha tagħna. U tiegħi li nemmen li Malta mingħajru ma kienet qatt tkun Malta Maltija!'*

## Passiġġata Biblika - 10

*"Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja." (Ġw1:29)*

# L-ISTEDINA GĦALL-MEJDA TAL-ĦARUF

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *Il-Ħaruf tal-Eżodu*

L-ikla tal-Għid tal-Lhud (kif naraw fil-ktieb tal-Eżodu kapitlu 12) kienet tfakkarhom fil-ġrajja memorabbli tal-imħabba infinita ta' Alla li għaddihom mill-mgħodija tal-mewt għall-ħajja (bil-lhudi l-kelma 'għid' hija '*pesah*' li tfisser 'passaġġ'; għalhekk il-kliem: 'paskwali', '*passover*'). Ilkoll nafu kemm il-poplu ta' Alla kien qed ibati ġewwa l-Eġittu u għalhekk Alla kien sejjaħ proprju lil Mose' biex joħroġ dan il-poplu minn dan il-jasar. Naraw pero` r-reżistenza tal-Fargħun tal-Eġittu. Alla għalhekk jibgħat l-għaxar kastigi fuq l-Eġittu: l-ilma jsir demm, iż-żrinġijiet; in-nemus; id-dubbien; il-pesta; l-infafet; is-silġ; il-ġradijiet; id-dlam u l-aħħar wieħed il-kbir, il-mewt tal-iben il-kbir fid-djar tal-Eġizzjani. Huwa f'dan il-kuntest ta' din il-ġrajja li l-anġlu tal-mewt 'jaqbeż' id-djar fejn kien hemm il-Lhud u jsalva lit-tfal tagħhom u joqtol it-tfal tal-Eġizzjani fosthom it-tifel il-kbir tal-fargħun, u b'hekk wassal lil dan ta' l-aħħar sabiex iħalli lill-Lhud jitilqu minn pajjiżu.

Pero' f'dik il-lejla qabel ma kien ser jiġi l-anġlu tal-mewt, il-Lhud fuq ordni ta' Alla riedu jagħmlu ikla u riedhom jagħmluha u jfakkruha bħala l-ġrajja ta' ħelsien tagħhom, kull sena matul il-lejl ta' bejn l-14 u l-15 tax-xahar ta' Abib, li hu Marzu u April tagħna (beda mbagħad jissejjaħ bl-isem Babilonjiż ta' Nisan). Kull familja kellha tipprepara għall-ħaruf sa minn ħames t'ijiem qabel. Fejn kien hemm familji żgħar setgħu jingħaqdu ma' xulxin għal din l-ikla tal-ħaruf; bejn wieħed u ieħor, ħaruf wieħed kien iservi għal-għaxar persuni.

Il-ħaruf kien ikun bla difett, u ta' madwar sena. Imbagħad kien jinqatel fl-erbatax tax-xahar bejn wara nofs in-nhar u fil-għaxija, fejn ma tinkisirlu ebda għadma u kienu jiskarnawh u ma jħallulux demm ġo fih għax huma ma setgħux jieklu laħam bid-demm. Id-demm kien xi ħaġa sagra ta' Alla, kien fih il-ħajja u jagħti l-ħajja lill-ġisem. Ovvjament assolutament ma setgħux jixorbu d-demm (ara Ġenesi 9:4).

Dak in-nhar tal-Eżodu, mid-demm tal-ħaruf, il-Lhud lesti biex jitilqu mill-Eġittu, ċappsu bis-suf jew bil-pjanta tal-issopu l-għnub u l-blata tal-bibien tad-djar tagħhom ħalli



x'hin jgħaddi l-anġlu tal-mewt u jara il-blajjiet imċappsin bid-demm ma jidħolx fid-dar biex jagħmel ħerba. Il-laħam tal-ħaruf kienu kieluh mixwi, kielu l-ħobż bla ħmira għax ma kellhomx ċans joqogħdu jistennew l-għaġna tikber kieku kellha l-ħmira; mela kielu ħobż ażżmu (kienu jgħidulu ukoll 'ħobż in-niket', għalhekk biex nifthiemu kielu ħobż ċatt, ħobż forma ta' ftajjar; l-ostja tagħna, bil-forma tagħha ċatta trid turi din il-forma) u ħaxix morr biex ifakkarhom fit-tbatijiet li għaddew minnhom.

### *Ġesù ta' Nazaret iħejji 'Ikla'*

F'Lq 22:7-14, naraw lil Ġesù jordna lil Pietru u Ġwanni sabiex jippreparaw għall-ikla tal-Għid. Kellhom għalhekk isibu post ġewwa Ġerusalemm biex jagħmlu din l-ikla, u din kienet biċċa xogħol iebsa meta nimmaġinaw li f'Ġerusalemm fl-Għid fi żmien Ġesù, kien ikun hemm madwar 200,000 elf persuna b'kalkolu li kien jinqatel mal-20,000 elf ħaruf, li ifisser li kienet issir 20,000 elf ikla ġewwa Ġerusalemm. Huma għalhekk sabu kif naraw f'Lq 22:12-13, kamra kbira (u mhux dar) mgħammra b'kollox.

Mill-kliem ta' Ġesu' li jgħid lil Pietru u lil Gwanni: "Morru ħejjulna l-ikla tal-għid halli nieklu l-ħaruf", juri li bħal donnu Ġesù kien diġà qed jindika lilu nnifsu bħal il-ħaruf, hu nnifsu bħala l-ħaruf il-ġdid u mhux id-daqsxejn ta' ħaruf żgħir. Importanti ta' min isemmni hawnhekk li l-post kien ikun nadif, mingħajr ħmieġ, il-post isir qisu d-dar ta' Alla u dawk kollha li jipparteċipaw kienu jilbsu d-dinijità ta' saċerdoti. (Għalhekk wieħed jista' jifhem l-indafa u l-ħasil fid-djar tagħna li jsir qabel it-tberik tal-Għid meta jiġi l-Arċipriet ibierek id-djar).

### *L-Aħħar Ċena tal-Mulej*

L-aħħar ċena kien il-mument fejn Ġesù waqqaf żewġ sagramenti importanti: l-Ewkaristija u s-Saċerdozju. Ġesù infatti wera xewqa kbira li jagħmel din l-ikla mal-appostli



kif naraw f'Lq 22:15: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati!". Kienet mela l-ikla tal-Għid tal-Lhud kif juruna San Mattew, San Mark u San Luqa, fejn Ġesù huwa l-ħaruf il-ġdid. Ġesù issa jieħu post tal-ħaruf kif jurina biċ-ċar iktar San Ġwann fil-vanġelu tiegħu, fejn Ġesù jinqatel fuq is-salib x'ħin kienu qegħdin jinqatlu il-ħrief għall-ikla tal-Għid tal-Lhud.

L-ikla kienet tibda b'talba u jixorbu l-ewwel tazza tal-inbid bħala bidu. Interessanti kienu jixorbu erba tazzi inbid waqt l-ikla u jieklu tliet darbiet mill-ħobż ażżmu. Dan il-Lhud jagħmluh għaliex fl-Eżodu 6:7 insibu erba' azzonijiet li għamel Alla biex ħeles lill-poplu: "Jiena **noħroġkom**, jien **neħliskom**, jiena **nifdikom**, jiena **niġbidkom** lejja biex tkunu tiegħi". Kien isir imbagħad il-ħasil tal-idejn, li Ġesù bħala l-kap tal-mejda kif naraw f'Ġw 13, għamel il-ħasil tar-riglejn. Ġesù qal il-kliem tal-konsagrazzjoni fuq it-tielet ħobż ażżmu: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom" u fuq it-tielet tazza inbid (il-kalċi ta' radd il-hajr, fejn seta' wieħed iżid xi ftit ilma): "dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom". Ġuda kien diġà telaq hawnhekk u għalhekk ma kienx preżenti għat-twaqqif tal-ewkaristija. Ir-raba' kalċi jidher li ma nxtorobx fl-aħħar ikla ta' Ġesù u dan jagħmel sens għaliex issa l-kalċi bid-demm ta' Kristu kellu jinxtorob u jixxerred fil-Ġetsemani, fil-Passjoni u fuq is-Salib.

## *Konklużjoni*

L-aħħar ċena turi wkoll l-ewkaristija bħala servizz, li ssejħilna sabiex naqdu, bħala komunità li lesta taqdi lill-proxxmu. San Ġwann, isemmi fid-dettal il-mument sabiħ ta' Ġesù li jaħsel saqajn l-appostli qabel l-ikla (ara Ġw 13:4-5). Infatti l-Ewkaristija trid twassalna għad-djakonija u għall-karità biex tagħmel tassew sens fil-ħajja tagħna. Dan mela hu l-kobor tal-Ewkaristija, li Alla li ħalaq kollox jinżel fil-qalb tagħna u jsir parti minna u jnaddafna mid-dnub u mill-miżerja tagħna: "Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1:29). Ħenjin aħna tassew li dejjem inkunu mistiedna għal din il-Mejda tal-Ħaruf.

## Biblijografija


Brown, R.E., *The Gospel according to John,* I, II, AB 29 – 29a, New York 1966.

Fausti, S., *Una Comunita legge il Vangelo di Luca,* Bologna 2001.

Mc.BRIEN R.P., *Catholicism*, New York 1994.

Meynet, R., *Jésus Passe. Testament, Jugement, Exécution et Résurrection du Seigneur Jésus dans les évangiles synoptiques, Rhétorique Biblique 3,* Roma – Paris 1999.

TILLARD J.-M., *Church of Churches. The Ecclesiology of Communion,* Minnessota 1992.

# int u saħħtek

*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*



## It-titjira H5N1 qed toqrob lejn l-Ewropa?

**Meta fl-1997 xi tobba fil-Hong Kong kienu irrapportaw li mietu sitt persuni kawża ta' tip ta' influwenza ġdida ftit kienu li taw każ. Din it-tip ta' influwenza semmewha *Avian Influenza A (H5N1)* jew bil-Malti, Influwenza tal-Għasafar. Din l-influwenza kienu ħaduha tmintax-il persuna mingħand tiġieġ morda li kien hemm fit-toroq maħmuġa u ffullati ta' dan il-post b'densita' kbira tal-popolazzjoni. Forsi l-iktar ħaġa li impressjonat lit-tobba kienet kif influwenza li kienet tolqot lit-tjur biss issa bdiet taffettwa lill-bnedmin ukoll. Dan kien l-ewwl sinjal tal-gwaj li qed nibżgħu minnu li l-virus jimxi fost il-bnedmin u joħloq pandemija mondjali tal-influwenza b'konsegwenzi kbar.**

Minn dak in-nhar l-affarijiet bdew iktar jagravaw u jinkwetaw lix-xjentisti għax il-imxija ta' dan il-virus li s'issa jinsab fl-għasafar biss, qed jhedded li jinfirex ma' l-Ewropa. F'nofs Awissu li għadda xjentisti Russi qalu li eluf ta' tjur fin-naħa tal-muntanji Urali mietu kawża ta' dan il-virus. Huma qalu ukoll li dan il-virus kien importat fir-Russja minn għasafar tal-passa. L-aħbar it-tajba hija li dan il-virus s'issa ma għaddiex fil-bnedmin bħalma sar f'Hong Kong imma baqa' fit-tjur biss. L-aħbar il-ħażina hija meta ser isseħ din il-bidla. Ħafna xjentisti jaħsbu li hi mminenti u għalhekk kulħadd madwar d-dinja qed jhejji ruħu biex jilqa' kontra din l-infezzjoni kerha.



Dan il-virus s'issa għadu fl-Asja (*) u kien hemm 100 każ ta' persuni infettati bih. Nofs minn dawn il-persuni mietu. S'issa dawk li mietu kollha kellhom kuntatt ma' tjur morda. Kull darba li xi nies jimirdu b'din it-tip ta' influwenza wara kuntatt ma' tjur morda jkun hemm il-periklu li l-virus jibda jinfirex mill-bnedmin għall-bnedmin. Xi xjentisti ġa bdew iqabblu xenarju tipiku ma' dak li kien seħħ fl-1918 meta tip ta' influwenza A bin-kodiċi H1N1, jew kif kienet magħrufa l-Influwenza Spanjola, kienet qatlet iktar minn 40 miljun ruħ, iktar mid-dubju li mietu fil-Gwerra l-Kbira.

Xjentisti jaħsbu li l-influwenza normali li jkun hawn fix-xitwa tista' tgħin biex il-virus ta' l-influwenza tal-għasafar jibda' jaffettwa lill-bnedmin ukoll. Jekk jiġri hekk ikun hemm żgur ħafna imwiet għax dan il-virus jista joqtol 50% ta' dawk milquta.



Għalhekk l-Organizazzjoni Dinjija tas-Saħħa flimkien mal-awtoritajiet tas-saħħa ta' diversi pajjiżi qed tkun attenta ħafna u qed jittieħdu il-prekawzjonijiet kollha biex inkunu mħarsa minn dan il-flaġell. Bħala l-ewwel prekawzjoni kull min huwa 'l fuq minn 50 sena jew ibati minn xi marda kronika jew ta' saħħa dgħajfa għandu jitlaqqam kontra l-influwenza normali. Tilqima kontra l-influwenza tal-għasafar għad ma hawnx. S'issa lanqas ma nafu li din l-influwenza tista' tgħaddi mill-bnedmin għall-bnedmin, jiġifieri ma hawnx pandemija. Iżda jista' ikun hawn żgur bħas-snin l-imgħoddija epidemija ta' l-influwenza normali.




Kontra l-influwenza normali u tipi oħra ta' influwenza A hemm mediċini li huma effettivi. Dawn il-mediċini qed ikunu stokjati minn diversi awtoritajiet tas-saħħa biex f'każ ta' pandemija ikollhom biżżejjed sakemm ix-xjenza medika tivvinta tilqima kontra din l-influwenza qerrieda. Bħala regola ċerti gvernijiet qed jistokkjaw numru minn dawn il-mediċini li huwa ekwivalenti għall-kwart tal-popolazzjoni. Barra minn hekk it-tobba ta' kull pajjiż qed tintbagħtilhom informazzjoni u gwida kif għandhom jimxu f'każ ta' pandemija u anke gwidi kif jimxu biex jikkontrollaw l-epidemija ta' l-influwenza tax-xitwa li ġejja. Barra minn hekk kull fejn jinsabu tjur morda qed jinqatlu kollha kemm huma. Hekk kienu għamlu f'Hong Kong fl-1997 biex iwaqqfu l-imxija ta' dan il-virus fost it-



tjur u hekk qed jagħmlu kull fejn qed ikun hemm tjur morda.

S'issa ma għandux ikun hawn alarm għal xejn u ċ-ċans ta' pandemija għalkemm mhux daqstant remoti tajjeb li d-dinja tkun ippreparata u anke aħna hawn Malta.

---

*(*) **Nota**: Dan l-artiklu nkiteb f'Awissu li għadda, qabel l-aħħar żviluppi fl-Ewropa.*

D-Bar, Cafe
*where friends are meeting!!*
Pan Pizza, Pasta & Home-made Cooking
St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

# ĦOLM IL-ĦAJJA



*Pariri lill-Adolexxenti minn* ***MARY PULI***

## *ĦOBB L-ISTUDJU*

### 1 *Storja*

Marie Sklodowaska kienet seftura ma' familja sinjura ġewwa l-Polonja. Marija kienet bieżla, għaqlija u fommha sieket, u l-kbir inġibed lejha. Anke Marija nġibdet lejh. Iżda malli s-sinjura ndunat, ma ħaditx gost, ma riditux jieħu waħda bla skola. It-tnejn ħaduha bi kbira u Marija ddeċidiet li ma riditx tibqa' fl-injoranza. Telqet lejn Franza u bdiet kors ta' studju li wassalha sa l-Università. Moħħha bl-istudju nfetaħ u saret famuża. Marie Sklodowaska ma kienet ħadd ħlief Marie Curie li rebħet il-premju Nobel fix-xjenza, darbtejn.

Ommha, kienet tbati ħafna mill-allerġija kbira għall-karta. B'danakollu xorta waħda kompliet għaddejja bil-kors l-Università. Il-kotba l-ġodda kienet tonxorhom fuq il-wajer ta' l-inxir għal jumejn, biex ma jagħmlulhiex ħsara, u meta kien jinħass il-bżonn kienet tilbes il-maskra. La x-xogħol tad-dar u lanqas il-familja ma qatgħulha qalbha, kellha rieda sħiħa li tistudja. Qatt ma tilfet minuta fix-xejn u l-ebda diffikultà ma qatgħetilha qalbha. Laħqet fejn kellha tilħaq, b'ħafna sagrifiċċji kbar. U min ma jagħmilx sagrifiċċji biex jilħaq il-għan ta' moħħu!

Dr. Arty Pereira kien jgħallem il-Psikoloġija f'Kulleġġ ta' l-Għalliema u dejjem kien jistaqsi lill-istudenti min minnhom kien lest li jasal sa l-ogħla quċċata tas-success. Kollha għollew idejhom. Dr. Pereira kien jgħidilhom li mhux billi jiġu l-ewwel, u jkollhom b'persentaġġ baxx għax jiġu qishom persuna b'għajn waħda qalb ħafna nies għomja.

### 2 *Tagħlima*

L-istudenti kollha jvarjaw fl-intelliġenza u fil-qawwa tal-volontà, dawk li għandhom intelliġenza għolja għandhom faċilitajiet akbar minn dawk li jkunu inqas iffortunati. Dawk li ma tantx jibbrillaw fl-intelliġenza u jimmiraw biex jilħqu l-ogħla livell, jispiċċaw biex jiżviluppaw fihom ċerta inferjorità u jaqtgħu qalbhom li jkomplu.

Allura ħażin li timmira għall-għoli? Le! Ħażin jekk trid tilħaq f'daqqa u f'qasir żmien. Tagħmilx paraguni ma' sħabek għax ġabu aktar marki minnek, l-importanti li taħdem biex tisfida lilek innifsek biex iġġib aktar marki fl-eżamijiet, mingħajr ma taqta' qalbek.

Hawn studenti li jieħdu l-istudju bis-serjetà b'danakollu joħorġu diżappuntati fir-riżultati li jġibu fl-eżamijiet. L-istudenti għandhom tliet għedewwa li jfixkluhom.

### 3 *Pariri*

Il-kitba li bilkemm tinqara; kitba mimlija żbalji, u memorja fqira. Jekk għandek dawn l-għedewwa biddilhom fi ħbieb: kitba pulita li tinqara u tkun pjaċevoli għall-għajn; kitba meħlusa mill-iżbalji u trawwim tal-memorja ħalli tiffaċilita l-istudju. Meta tippreżenta karta ta' l-eżami b'kitba bilkemm tinqara, diġa huwa biżżejjed biex l-eżaminatur jaqta' qalbu jaqraha.

Jekk iddum tikteb, iddedika ħmistax-il minuta kuljum biex tiżviluppa ħeffa fil-kitba, basta tikteb ċar u pulit. Kitba pulita u ċara sservik għomrok f'kull karriera li taqbad. Il-kwarta li tieħu ma tkunx moħlija żgur.

Naqqas l-iżbalji fil-kitba. Dur il-pitazzi u ara liema huma dawk il-kliem li ripetutament tiktibhom ħażin. Agħmel lista tagħhom u iktibhom jew studjahom sakemm iddaħħalhom f'rasek darba għal dejjem.

Tajjeb li ssaħħaħ il-memorja billi tassoċja dak li trid tiftakar ma' xi ħaġa oħra. Biex tgħin lilek innifsek tiftakar:

Aċċerta ruħek li fhimt tajjeb dak li trid tiftakar.

Li l-punti li trid iddaħħal f'moħħok huma relatati ma' xulxin. Irrepeti l-punti b'attenzjoni kbira, jekk in-noti jkunu miktubin, ħares lejhom tajjeb u anzi għidhom biex tuża s-sens tas-smigħ ukoll. Irrepeti kemm hemm bżonn, dak li tixtieq tiftakar għal ftit ġranet sakemm jidħol fil-memorja b'mod naturali. Tagħmel tajjeb jekk minn żmien għal żmien tirrivedi dak li tgħallimt ħalli tara xi bqajt tiftakar minnu.

Illum hawn ħafna opportunitajiet li jagħmlu kuraġġ liż-żgħażagħ u lill-adulti li jridu jistudjaw u javanzaw fil-ħajja, basta l-isforz jiġi minnhom, bla ma jisfurzahom ħadd. Eżempju tajjeb għal min irid jogħla 'l fuq huwa dan: Tfajjel kien jieħu gost irabbi l-*caterpillars* biex jarahom isiru jinbidlu fi friefet. Iżda darba qagħad jinnota li l-farfett kien qed ibati u jagħmel ħafna sforzi biex joħroġ minn qoxortu. Qabad xafra u għenu joħroġ b'inqas tbatija minn qoxortu. Il-farfett ħareġ imma ma tarx. Ġwinħajh qatt ma ġiethom il-forza li jogħlew 'il fuq. Ma' kull sforz li l-farfett kien qed jagħmel, kienet qed toħroġ ċerta sustanza li ssaħħaħlu ġwinħajh. L-isforz bilfors hu waħdu kellu jagħmlu u għax ġie mfixkel, il-farfett qatt ma laħaq l-iskop li jogħla 'l fuq.

*Aħseb daqsxejn . . .*

# Assigurajt il-familja tiegħek?



*minn Dun Anton Dimech*

Illum kulħadd jitkellem dwar l-assigurazzjoni. Il-karozza trid tkun inxurjata u jaqbel tkun '*full comprehensive*' kontra n-nar u s-serq, għax malajr tmur biex titlaq għax-xogħol u ma ssibhiex. L-istess id-dar tista' tinxurjaha. Imma l-iktar importanti li tinxurja lilek innifsek u l-familja minħabba l-ħtieġa ta' xi kura speċjalizzata li tiswa ħafna flus. Parti sewwa mill-paga llum tmur għall-assigurazzjoni.

## IL-FAMILJA

Din ukoll jeħtieġ li ninxurjawhom kontra dak kollu li jista' jinqala'. La taħsibx li l-problemi huma biss sanitarji jew finanzjarji. Hemm oħrajn aktar serji u gravi. Inħolqu ċerti "virus" li qed jimminaw l-istituzzjoni familjari mill-għeruq u bosta żgħażagħ qed jibżgħu jidħlu għall-piż tal-familja għax jaqtgħu qalbhom meta jisimgħu tant stejjer ta' biki.

Sa xi snin ilu l-familja għawdxija kienet qisha belt mgħassa tajjeb minn torrijiet qawwija kontra kull xorta ta' attakki morali u soċjali. Illum dawn it-torrijiet bosta minnhom iġġarrfu jew qegħdin biex iċedu. L-għaqda familjari bis-sens qawwi ta' interdipendenza bejn il-membri, sfaxxat u nħolqot il-mentalità ta' "m'inhiex bżonnok". Il-mara taħdem u taqla' għal rasha bħal żewġha. Hu għandu l-ħbieb tiegħu u d-delizzji tiegħu u hi l-istess. Id-dar teżisti biss biex x'ħin jidħrilhom imorru jorqdu. It-tfal saru piż li jxekkel il-libertà individwali mhux kif qalulna l-isqfijiet fiċ-ċirkolari ta' "Santa Marija – l-aqwa teżor tal-familja".

Ħsara kbira għall-familja ġejja mill-ħajja konsumistika tal-lum. Illum ma tistax toħlom wisq bis-salarju familjari li jservi għall-familja b'mod li l-missier ikun il-"*wage earner*" u l-paga tiegħu sservih għall-bżonnijiet kollha tad-dar. Illum l-ispejjeż kibru b'mod allarmanti minħabba l-lussu li sar neċessità, is-safar sar drawwa regolari, karozzi waħda għal kull persuna, *parties* għal kull okkażjoni, rigali u ħbieb u tant affarijiet oħra li ftit ilu konna ngħaddu mingħajrhom. Dakinhar konna sinjuri bil-paga tar-raġel – illum żewġ pagi ma jservux.

## RIMEDJU

Kif wieħed jista' jaħseb il-konsegwenzi huma pjuttost negattivi, imma bil-għajnuna t'Alla nistgħu niddefendu ruħna u nevitaw l-istraġi li sikwit nisimgħu bihom. L-aqwa assigurazzjoni tal-familja hija l-arma tar-rużarju tal-Madonna. Nafu li l-kotra kbira tal-poplu tagħna jemmen u jħobb il-Madonna. Ħafna koppji żgħażagħ kull nhar ta' Ħadd imorru jinvistaw il-Madonna ta' Pinu fejn jisimgħu quddiesa bid-devozzjoni. Dan jagħmlilna kuraġġ kbir. Il-Madonna hija l-fortizza li ma ċċedix għall-assalti tal-moderniżmu konsumistiku li jġarraf il-pedamenti familjari. L-Imqaddsa Verġni Marija għal qalbha l-imħabba familjari, għax hi ukoll hija Omm vera ta' Ġesù u Omm tagħna lkoll. Marija għandha qalb li tħobb tassew iktar minn kull omm għawdxija. Għalhekk quddiem dan il-biża' u taqtigħ il-qalb li semmejt m'għandniex inħossuna weħidna imma niftakru li għandna 'l Alla u lil Marija magħna.

## IR-RUŻARJU

Qabel il-ħin tal-logħob u tat-televiżjoni fil-familja jeħtieġ li jkun hemm il-ħin tar-rużarju. Tgħidx "illum mhux moda". Pjuttost għid "illum hu meħtieġ ħafna". Dik in-nofs siegħa talb ta' kuljum tirfed id-dar. Idra ċċaħħad minn xi programm għal qalbek, mil-laqgħa mal-ħbieb, mill-ħarġa ta' filgħaxija u tabbużax biex l-għadu – ix-xitan – ma jsibekx dgħajjef u jkissirlek darek. Veru li għall-ewwel se ssibha bi tqila, imma la tidra ma torqodx mingħajr ħames posti rużarju din id-drawwa qaddisa ssir gost. U meta wliedek jikbru u jidraw jgħidu xi avemarija tiegħu gost tarahom miġburin jgħidu xi ħaġa huma wkoll. U meta jinqala' xi ftit tas-saram dan it-talb jgħinek tirranġa kollox. Diffiċli wisq tikkumbatti l-ħajja waħdek. Imma mhux daqshekk diffiċli bil-għajnuna tal-Madonna.

## OTTUBRU

F'dan ix-xahar jingħad ir-rużarju, fil-parroċċi quddiem Ġesù espost. Iktar minn qabel din is-sena ta' l-Ewkaristija għandha tiġbor devoti fil-knisja kull filgħaxija għar-rużarju. Imma nagħmel appell biex jekk jista' jkun jiġu l-familji ma' wliedhom matul dan ix-xahar biex jitolbu flimkien. Hija ħasra li t-tfal saru allerġiċi wisq għat-talb. Bilfors li l-vokazzjonijiet jonqsu. La tmut iż-żerriegħa ma tinbetx ix-xitla. Bi ftit kuraġġ u sagrifiċċju żgur li l-familja tiegħek tirreżisti l-mewġa tsunamika tas-seklu tagħna.




## *F'dar ta' anzjana jinstabu 300 qattus*

Madwar 300 qtates, terz minnhom mejtin, ġew evakwati mid-dar ta' anzjana Amerikana fil-kontea ta' Fairfax, fl-istat ta' Virginia. Il-pulizija għamlu dan ir-rejd wara li l-ġirien ta' din il-mara rrapportaw li minn din id-dar kienet ħierġa ntiena kbira. Din il-mara, żewġha u bintha ntalbu jitilqu minn din id-dar.

## *Isib serp f'pakkett taċ-ċereali*

Waqt li kien qiegħed jiekol il-kolazzjon tifel Ingliż baqa' sorpriż meta sab serp twil żewġ piedi fil-pakkett taċ-ċereali. Jordan Willett, li għandu ħames snin, ħaseb li sab ġugarell fil-pakkett taċ-ċerali li l-ġenituri tiegħu xtraw minn ħanut f'Telford, belt li tinsab fiċ-ċentru ta' l-Ingilterra. Hu qal lill-ġurnal **Daily Mail** li fuq it-televiżjoni ra sriep iżda qatt ma sab wieħed f'pakkett taċ-ċereali.

## *L-aqwa birra: tal-patrijiet!*

Patrijiet f'abatija fil-Belġju kienu kostretti li jwaqqfu l-bejgħ tal-birra famuża tagħhom wara li ġiet ivvotata bħala l-aqwa waħda tad-dinja u mill-ewwel il-provvista nbiegħet kollha.

L-abatija ta' San Sixtus ta' Westvleteren, fil-Punent tal-Belġju, jgħixu fiha madwar 30 patri Trappisti u Ċisterzji li jqattgħu l-ħin kollu maqtugħin għalihom infushom, jitolbu, jimmeditaw, jaħdmu u jsajru l-birra.

Stħarriġ fost eluf ta' dilettanti tal-birra minn 65 pajjiż f'Ġunju vvotaw il-birra "Westvleteren 12" bħala l-aqwa tad-dinja iżda l-patrijiet m'għandhom l-ebda intenzjoni li jżidu l-produzzjoni.

## *Jitlob li jitneħħielu arblu mill-kċina tiegħu*

Raġel Pollakk għal dawn l-aħħar tliet snin kien qiegħed jilmenta mal-kumpanija li tipprovdi s-servizz tat-telefon fil-Polonja biex jitneħħielu l-arblu tat-telefon li tpoġġa fil-propjetà tiegħu ftit qabel bena d-dar. Il-Pollakk, Piotr Kardys, kien kostrett ikompli jibni daru madwar l-arblu, anke jekk stess kien ilu jilmenta minn dan in-nuqqas min-naħa tal-kumpanija. L-arblu, fil-fatt spiċċa f'nofs il-kċina tad-dar tiegħu. L-awtoritajiet Pollakki qalu li minħabba l-fatt li ħadd ma oġġezzjona mill-ewwel meta l-arblu ttella, dan issa jfisser li huwa legali. Kardys, li huwa negozjant, ressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qorti Suprema tal-pajjiż li min-naħa tagħha, tatu raġun. Madanakollu, jidher li għalissa se jkollu jitqanna bl-arblu fil-kċina, hekk kif il-kumpanija tat-telefon appellat mis-sentenza.

## *Akkużat li gara papoċċa lill-Maġistrat*

Indjan gara papoċċa lill-maġistrat li kien jisma' l-kawża tiegħu. Il-maġistrat, bi tpattija, garalu *paperweight.*

Nazir Mohammad kien fil-Qorti f'Baroda akkużat li daħal fi djar bla permess u b'serq. Hin minnhom qabeż mill-iżbarra u telaq jiġri lejn il-maġistrat. Imbagħad neħħa papoċċa li tefagħha b'saħħtu lejn l-ieħor.

Mohammed qal li kien iddejjaq bil-pass ta' nemla li kien għaddej bih il-każ tiegħu. Kien għalhekk li attakka lill-maġistrat C.D. Vaghela.

Din m'hix l-ewwel darba li Mohammed kien fl-inkwiet minħabba kif jaġixxi fil-Qorti. Is-sena l-oħra għamel l-istess ħaġa f'każ ieħor u kien intbagħat il-ħabs b'akkuża oħra ma' dawk li diġà kellu qabel.

Il-Kamra ta' l-Avukati f'Barodi kkritikat lill-awtoritajiet għan-nuqqas ta' protezzjoni li hemm għall-membri tal-qrati, għax-xhieda u għall-avukati. Għalhekk hi ħarġet lill-avukati bi strajk għal dak li ġara.

## *Tiġrijiet tal-ħnieżer fir-Russja*

Il-bdiewa Russi bħalissa qed ikabbru ħnieżer b'saqajn twal biex ikunu tajbin għall-ġiri wara li jidher li fil-pajjiż żdied l-interess fi tlielaq bejn dawn l-annimali.

Sergei Spirin, il-President tal-Federazzjoni tat-Trobbija tal-Hnieżer għat-Tiġrija, qal li l-akbar post fejn bħalissa jistgħu jsiru t-tiġrijiet b'dawn l-annimali hu 'l barra minn Moska, fil Padiljun *Croscus-Expo*. Imma għall-quddiem hemm maħsub li jsiru postijiet oħra.

Spirin, li hu wkoll veterinarju, qal li l-ħnieżer ikunu mħarrġa kuljum għall-isport biex meta jasal jum it-tiġrija jkunu fl-aqwa forma tagħhom.

Hu qal li l-ħnieżer irid ikunu "twal, bla xaħam żejjed, fuq tagħhom u għatxana li jirbħu".

Biex iħajruhom jitħarrġu, lill-annimali ma jagħtuhomx jieklu qabel it-taħriġ imma wara jagħtuhom ikla zunnarija.



Qed taħseb biex tħalli
tifkira sabiħa ta'
l-għeżież tiegħek?
Julian Sultana & Co. Ltd.
jaf jaħsiblek biex twaqqaf
monument dekoruż u dejjiemi
ta' l-irħam jew tal-granit,
bi prezzijiet moderati
fuq il-qabar tal-familja tiegħek.
Meta f'Novembru żżur iċ-Ċimiterji
t'Għawdex, waqt li titlob għall-mejtin,
ara wkoll ix-xogħol sabiħ
fuq ħafna oqbra
magħmula minn
FAMILJA SULTANA
GANNI
1891-1972
ANGELA
1893-1977
DUN SALV
1918-1984
JS
Julian Sultana
& Co. Ltd.
Marsalforn Street, Xagħra, XRA 104, Gozo.
Tel: 2155 7136 Fax: 2156 3743 Mob: 9949 3442
email: julians@vol.net.mt

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Dr. Mario Saliba



Il-Mitħna tar-Riħ



Ir-Raddiena tar-Riħ